

NISI DOMINUS FRUSTRA



Il-Qabar
Imsemmi ta' Ab-Salom
Fil-Wied ta' Kedron
Li wisq drabi
Għadda minn ma' ġenbu
u ħares lejh
Sidna Ġesù Kristu.


Ir-Raba' Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1958 | Għadd 4

"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"

LEHEN
L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.



LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Ir-Raba' Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1958 | Għadd 4

X'FIH DAN IL-GĦADD

Dak li rebaħ l-Art Imqaddsa (Id-Direzzjoni) 97

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Għaliex il-Kotba Mqaddsa jissejħu spirati minn Alla (P. Serafin M. Zarb, O.P.) 98
L-Art Imqaddsa u s-Santwarji tagħha (Prof. D. Anton Tabone) 101
Biċċa "Art Imqaddsa" f'Malta (Een Jeħuża) 103
Il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu (Fra Elija, O.F.M.) 108

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Il-Parabbli tal-Evanġelju (P. P. Saydon) 110
Is-Sinagoga ta' Kafar-Naħum (Elsie) 112
L-Evanġelju ta' San Mattew (D. Fortunat Mizzi) 115
Għid il Milied fil-Għar ta' Betlehem (P. Gwidu Schembri, O.F.M.) 117
It-Tempju ta' Ġerusalem (Ximon Bar-Josef) 121
Qaddis tal-Misilmin (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) 123
Il-Ġublew tal-Fidda (Frater Minor) 125
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa 128

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

DAK LI REBAĦ L-ART IMQADDSA

L-egħżeż tifkiriet, li jinħassu u jidhru, ta' Sidna Ġesù Kristu, huma l-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina. Ġesù miet, qam u tala' s-sema, għal hekk min imur il-Palestina issa ma jistax jarah; jista' biss jara l-imkejjen fejn għadda ħajtu: Betlehem, fejn twieled, Nazaret fejn trabba, u Ġerusalem, fejn miet fuq is-salib.

Għal dan il-Palestina kienet minn dejjem u għadha issa l-art l-aktar għażiża għall-Insara. Fiha, sa żmien Kostantinu, Insara kien hemm ftit. Iżda wara li Santa Liena marret hija nfisha u bniet Bażilki fuq l-Imkejjen Imqaddsa, il-Palestina żegħdet bl-Insara, u knejjes u raħbijiet, fil-bliet u fix-xorì, inbnew bil-mijiet. Imma xi tliet mitt sena wara wieħed Għarbi mill-Mekka jismu Muħammed beda djiena ġdida: id-djiena tal-Misilmin. Il-Għarab għall-ewwel ħaqruh imma wara nġabru miegħu u bdew jaħbtu għannies ta' ma' dwarhom u jirbħuhom. Imbagħad wieħed fosthom, Ħalif Għomar, ħabat għall-Palestina, rebaħha u ħadha minn idejn l-Insara. Hekk il-Palestina sefgħet taħt idejn il-Misilmin.

Sa kemm il-ħakkiema Misilmin ġiebu ruħhom tajjeb, ħadd ma ċċaqlaq; imma meta bdew jaħqru lill-Insara u jwaqqgħulhom il-knejjes tagħhom, qamu għalihom l-Ewropin. Inġabru bl-eluf kbar; irmaw rwieħhom kemm felħu u telqu għalanija biex jifdu lil Ġerusalem. Waslu l-Palestina u l-Belt Imqaddsa ħaduha, imma anqas minn mitt sena wara tilfuha mill-ġdid. Bosta drabi riedu jerġgħu jirbħuha, imma kien kollu mitluf. L-Art Imqaddsa baqgħet taħt idejn il-Misilmin. Imbagħad, wara li dawk l-eluf kollha, bl-armi kollha li kellhom lill-Palestina ma setgħux jirbħuha, inqala' żagħżugħ faqir u mkerċaħ, bil-ġugħ u bla dar, u l-Art Imqaddsa rebaħha. Rebaħha mhux bil-qawwa tas-sejf, imma bil-ħniena ta' qalbu u bil-ħlewwa ta' kliemu. Dana kien San Franġisk.

Telaq mill-Italja qisu bil-moħbi, jorqod f'xi rokna u jittallab xi biċċa ħobż. Liebes ċoqqa mraqqgħa, u mħażżem b'biċċa ħabla. Wasal l-Eġittu u talab li jkellem lis-Sultan. Is-Sultan, biċ-ċajt jew bis-sod ħallieh ikellmu; San Franġisk għaraf jinqeda b'dik il-ħajta dawl li jibqa' dejjem fl-imħuħ mudlama; qanqal il-ħniena f'qalb is-Sultan li ħallieh jidħol Ġerusalem u hemm ħawwel l-ewwel xitla mill-ġnien tal-Ordni tiegħu, jiġifieri rawwam il-Patrijiet.

U l-Franġiskani, wara aktar minn seba' mitt sena għadhom hemm, għassiesa bla serħ tal-Imkejjen Imqaddsa. La ġugħ, la għatx; la tgħajjir, la swat; la ħabs, la mewt; xejn ma jista' għalihom. Kollox iqħaddi bla ma jiksirhom, bħal ma iqħaddi l-mewġ f'taqliba minn fuq blata f'nofs ta' baħar. Is-sedaa ta' missierhom wirtuha huma. Fejn jaqbdu, ma jitilqux.

Min rebaħha, mela, l-Art Imqaddsa? Il-gwerrieri tal-Ewropa? Le, għax ir-rebħa tagħhom kienet rebħa qasira. Rebaħha u għadu jaħkimha, dak il-faqir, dak l-imċerċer, dak li kien donnu iblaħ, imma kellu qalb kbira u ħanina: Rebaħha San Franġisk.

ID-DIREZZJONI.

L-EWWEL TAQSIMA — **DAWL**

GĦALIEX IL-KOTBA MQADDSA JISSEJĦU SPIRATI MINN ALLA

Il-Bibbja kienet magħmula mill-kotba tal-Profeti u mill-kotba tal-Appostli. Xi jfisser it-titlu ta' Profeta u dak ta' Appostlu? Il-profeta fit-Testment il-Qadim huwa bħall-Appostlu fit-Testment il-Ġdid. Fit-Testment il-Qadim Alla nqeda bil-profeti sabiex imexxi fit-triq tas-sewwa lil-Lhud u fit-Testment il-Ġdid Sidna Ġesù Kristu ħatar tnax-l-Appostlu u lilhom mar jagħti kull setgħa sabiex wara t-tlugħ tiegħu fis-sema u wara l-miġja ta' Ruħ il-Qodos, imorru jxandru l-Vanġelu fost il-ġnus kollha, jgħammduhom u hekk iwaqqfu s-saltna ta' Kristu: il-knisja, kull imkien.

Kif il-Profeta kien jidher bħala l-Mibgħut minn Alla, jitħaddet f'Isem Alla u l-kelma tiegħu kienet tkun milqugħa bħala l-kelma t'Alla; hekk ukoll l-Appostlu kien il-Mibgħut ta' Kristu, jitħaddet f'Isem Kristu, u l-kelma tiegħu kienet milqugħa bħala l-kelma ta' Kristu. Mhux biss meta l-Profeta u l-Appostlu kienu jitħaddtu, imma meta kienu jiktbu dak li kien iġieġħlhom Alla, il-kitba tagħhom kienet tkun magħrufa bħala l-Kelma t'Alla, u għal hekk il-kotba li ħallewlna l-Profeti u l-Appostli kienu minn dejjem miżmumin bħala kotba Mqaddsa: kotba spirati minn Alla.

Din il-fehma aħna nsibuha fl-Iskrittura Mqaddsa fejn aħna fis naqraw li Alla qal lill-Profeti tiegħu sabiex jiktbu dak li jġieġħlhom huwa. U għal hekk aħna naqraw li Alla deher lil Mosè u qallu... deher lil Isaija, deher lil Eżekjeli. Fit-Testment il-Ġdid naqraw li Ġesù wara l-qawmien tiegħu mill-mewt, deher lill-Appostli u qallhom: "Ingħatat lili kull setgħa fis-sema u fl-art; għal hekk: morru, għallmu lill-ġnus kollha, għallmuhom iħarsu dak kollu li jien amart lilkom!" U sabiex l-Appostli jkunu jistgħu jaqdu sewwa din is-sejħa li għaliha kien għażilhom Ġesù, ara li lilhom mar wiegħed li jagħti r-Ruħ il-Qdusija, li kellu jgħallimhom dak kollu li kien għallimhom Ġesù. L-Appostlu, meghjun minn Ruħ il-Qodos, kien itenni kliem Kristu. Għal hekk Kristu kien qal lill-Appostli: "Min jisma' lilkom jisma' lili; min iżeblaħ lilkom, iżeblaħ lili, u min iżablaħ lili, ikun qiegħed iżablaħ lil Dak li bagħatni." Aktar: "Meta tkunu quddiem l-Imħallfin u s-Slaten, la toqogħdux taħsbu dak li tkunu sejrin tgħidu; għax mhux intom tkunu titħaddtu, imma Ruħ il-Missier tkun titħaddet bikom." Minn dan wieħed jista' jara li l-Profeti u l-Appostli kienu jitkellmu f'isem Alla u f'Isem Kristu; li l-kliem tagħhom kien kliem Alla u kliem Kristu. U meta xi Profeta jew xi Appostlu ma kienx jista' jwassal it-tagħlim tiegħu bil-kliem, u kien jiħtieġlu li jikteb, mhux għal hekk il-kelma tiegħu miktuba kienet anqas divina mill-kelma tal-fomm.

Minn dan li għedna wieħed jista' jifhem malajr li l-profetiżmu kif ukoll l-Apostolat, kienu jżejnu lil min jaqlagħhom minn għand Alla, il-*karizma soprannaturali*, li meta wieħel jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' Profeta jew ta'

Appostlu, isir għodda t'Alla li jitħaddet f'Isem Alla. Biex nifħmu sewwa dan inħarsu ftit lejn is-saċerdoti. Meta bniedem ikun imsejjaħ minn Alla sabiex isir saċerdot, u jkun mill-Isqof ordnat saċerdot t'Alla, ara li aħna narawh iqaddes u fil-quddiesa jopra wieħed mill-akbar mirakli, għaliex fil-waqt tal-Konsagrazzjoni, ibiddel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu; meta s-saċerdot jagħti s-sagramenti, ikun qiegħed jopra mirakli oħra, dik li jibdel ir-ruħ minn għadu t'Alla f'ħabiba t'Alla, billi jżejjinha bil-grazzja, li hija ħaġa soprannaturali, li tagħmel lill-bniedem iben adottiv t'Alla u werriet tal-ħajja ta' dejjem. L-ebda bniedem ma jista' jagħmel dawn l-egħġubijiet jekk ma jkunx saċerdot t'Alla, jekk ma jkollux dik is-setgħa li huwa qala' fl-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, sabiex kull meta jqaddes jew jagħti s-sagramenti, isir għodda f'idejn Alla u Alla jinqeda bil-ħidma tiegħu sabiex jagħmel dawn l-egħġubijiet. Il-profeta u l-Appostlu jaqilgħu wkoll kariżma minn għand Alla, sabiex f'Isem Alla igħallmu lill-bnedmin u jmexxuhom fit-triq tas-sewwa.

Huwa għal hekk mehtieġ li l-Profeta u l-Appostlu, ikunu magħrufin min-nies li huma Profeti u Appostli. U dan ikun imwettaq billi Alla juri lin-nies min huwa tas-sew Profeta u min hu tas-sew Appostlu. Dan jista' jsir b'ħafna wastijiet. Wieħed mill-aktar magħrufa hu li Alla jagħti lill-Profeta jew lill-Appostlu s-setgħa li jagħmel l-egħġubijiet. Meta f'waħda mill-aqqal tempesti wasal Malta l-Appostlu Missierna San Pawl, ħadd mill-Maltin ta' dak iż-żmien ma kien jaf li dak il-bniedem kien Appostlu ta' Kristu. Iżda meta rawha tigdmu l-lifgħa u jibqa' qawwi sħiħ, u meta beda jfejjaq kull xorta ta' mard, miss-serijietna ħasbu li dak ma kienx bniedem, imma Alla; jiġifieri ntebħu li dak il-bniedem kellu fih is-setgħa ta' Alla u malajr emmnu t-tagħlim tiegħu bħala tagħlim li ġej minn Alla, u ħaddnu t-tagħlim tiegħu u saru Nsara.

Naraw issa x'inhija l-*ispirazzjoni*. Għedna li l-kotba tal-Profeti kif ukoll il-kotba tal-Appostli huma spirati minn Alla. Xi jfisser dan kollu? X'jiġifieri ktieb ispirat minn Alla?

Aħna għedna li kliem il-profeti u kliem l-Appostli huwa kliem Alla u kliem Kristu; kif jista' jkun li kliem bniedem ikun fl-istess ħin kliem Alla?

Jekk jien ngħid lil xi ħadd: "Mur għid lil flien dan u dan," il-kliem huwa tiegħi, u jiena nqdi't b'ħadd iehor sabiex iwassal il-kliem tiegħi lil min irrid jiena. Hekk ukoll jagħmel Alla. Imma Alla jagħmel dan b'mod wisq aktar perfett. Meta jien ngħid lil xi ħadd biex iwassalli rsala, jien ma nistax indawwallu moħħu, u jekk ma jkunx irid, jien ma nistax inbiddillu r-rieda tiegħu. Imma Alla, li huwa sid il-bniedem, li jista' jdawwallu moħħu u jċaqlaqlu r-rieda tiegħu, Alla jista' jinqeda bil-bniedem b'mod wisq aktar perfett. Ta' bil-ħaqq l-ispirazzjoni, fi kliem il-kbir Papa Ljun XIII "hija dak il-kariżma li bih Ruħ il-Qodos jinqeda bil-bnedmin biex bil-ħidma tagħhom jikteb il-Kotba Mqaddsa; għaliex b'qawwa soprannaturali hekk imur lilhom iċaqlaq u jħaddem, ikun hekk magħhom fil-waqt li jkunu qegħdin jiktbu, li dak kollu li jamar huwa, jifhmuh sewwa fil-moħħ tagħhom, ikunu jridu jiktbu sewwa, bir-reqqa, u jfissru bi kliem veru u adattat. Li ma kienx hekk, Alla ma kienx jista' jkun imsejjaħ awtur tal-Kotba Mqaddsa."

Minn dan il-kliem tal-Papa Ljun XIII wieħed jista' jara li l-kariżma ta' l-ispirazzjoni divina, imiss lill-in-

tellett u lill-volontà, u s-setgħat li bihom il-bniedem jinqeda sabiex ifisser xi verità bil-kitba.

Alla jċaqlaq u jħaddem l-intellett tal-bniedem billi jagħtih id-dawl sabiex jagħraf il-verità, jifhimha sewwa u jiġġudika bla qerq u bla ħażen. Jekk is-suġġett li fuqu jmur jitħaddet il-bniedem ispirat, kien minnu magħruf b'mod naturali; bħal meta l-Appostli, xhieda tal-kliem u tal-eġħmil ta' sidna Ġesù Kristu, marru jiktbu dak li raw u dak li semgħu; allura jkun hemm biss l-*Ispirazzjoni*, sabiex l-Appostli jiktbu bla qerq dak li raw u dak li semgħu b'mod naturali; imma jekk is-suġġett ikunu saru jafuh għaliex Alla għarrafhulhom, bħal meta l-Profeti jew San Ġwann fl-Apokalissi, marru jaraw ħwejjeġ li kien għad iridu jiġru, allura hemm, barra mill-Ispirazzjoni, jkun hemm ukoll ir-*Rivelazzjoni* jew il-*Profezija*.

Jgħidilna San Tumas li l-verità tikkonsisti fil-ġudizzju, għal hekk tant fl-Ispirazzjoni kemm ukoll fil-Profezija jew fir-Rivelazzjoni, hemm l-istess ħidma t'Alla, li jdawwal id-dehen tal-bniedem ispirat sabiex jiġġudika sewwa u bla qerq dak li Alla jkun iridu jikteb.

Il-bniedem taħt l-Ispirazzjoni divina jagħmel dak kollu li huwa meħtieġ sabiex l-eġħmil tiegħu jkun eġħmil ta' bniedem. Fl-eġħmil tal-bniedem ma hemmx biss id-dehen jew l-intellett, imma hemm ukoll ir-rieda, il-volontà. Għal hekk taħt l-Ispirazzjoni Alla jċaqlaq u jħaddem ukoll il-volontà tal-bniedem, sabiex il-bniedem irid li jikteb dak li Alla jkun iridu jikteb.

Il-ħidma t'Alla ma tieqafx hawn, imma tissokta ċċaqlaq u tħaddem bilwasat tad-dehen u r-rieda tal-bniedem ispirat, dawk is-setgħat kollha meħtieġa sabiex il-bniedem ikun jista' jfisser bi kliem veru u adattat dak li Alla jkun uriehu tah id-dawl sabiex jifhem sewwa. Jista' jiġri li l-bniedem jifhem sewwa imma jfisser ħażin il-fehma tiegħu: dan ma jistax jiġri taħt l-ispirazzjoni, għaliex Alla jibqa' mal-bniedem sa kemm itemm għal kollox il-ħidma tiegħu u jagħtina dik il-kitba li jrid Alla u kif iridha Alla.

Għal hekk aħna naraw li fl-Ispirazzjoni kollox ġej minn Alla u kollox ġej mill-bniedem; minn Alla bħala awtur prinċipali u mill-bniedem bħala awtur taħt il-ħidma t'Alla, għax minnu jkun imċaqlaq u mħaddem sabiex jagħraf il-verità, ikun irid jiktibha, u jfissirha sewwa u bla qerq.

P. Serafin M. Zarb, O.P.

IL-"PULITKA" TA' ĠESU'

Qatt intbaħt kemm kienet ħelwa u tajba l-"pulitka" ta' Ġesù? Kien jeħodha mal-Farisin u jikxef bluhathom, biex in-nies ma jibqgħux jemmnuhom jilqgħu tagħlimhom tqil u fieragh u jitgħabbew bih. U kien iżiegħel bil-Għaxxarin, biex, billi kellhom ir-riħ mar-Rumani, u kellhom ukoll flejjes kbar, ma jibqgħux jaħqru lin-nies b'ħafna taxxi; u bil-flus li kellhom, jgħinu lil min ma kellux. Hekk Ġesù kien jaħdem għal ġid tal-kotra, fqira u njuranta u maħqura, minn żewġ naħat!

BARKIET ALLAH

Il-Barkiet li Allah jagħti lil bnedmin ħadd ma jista' jżommhomlhom; u l-Barkiet li jżomm Allah, ħadd ma jista' jiksibhom.

Quran, Sura XXXV, v. 1.

L-ART IMQADDSA U S-SANTWARJI TAGĦHA

Irid jew ma jridx, il-ħsieb tan-Nisrani, drabi, jkollu jittajjar fuq il-ġwienah tar-riħ sa ma jasal u jistrieħ fuq l-Art Imqaddsa. Dik l-Art Imqaddsa li fir-Rabta l-Qadima kienet tissejjaħ l-art ta' Kangħan u l-lum insejħulha l-Palestina. Dik l-art li fi żmien il-qedem Alla nnifsu kien wegħedha lil Patrijarki Abraham u Ġakobb u lin-nisel tagħhom. U la darba l-kelma t'Alla ma tiġi nieqsa qatt, il-poplu ta' Israel, il-ġens ewlieni t'Alla, daħal fiha wara erbgħin sena li dam jiġġerra fix-xori tas-Sinaj.

Meta l-qaddis Profeta David sar sultan ta' Ġuda, ħalla l-belt tiegħu ta' Hebron u mar joqgħod f'belt oħra żgħira, il-belt ta' Sijon, u ftit wara bħala belt ewlenija tas-saltna tiegħu, għażel belt oħra qariba, il-belt kbira u għanja ta' Ġerusalem.

Oh, Ġerusalem, Ġerusalem, meta niftakar li jien ukoll żmien ilu kont ninsab ġewwa ħdanek, imdawwar bis-swar tiegħek għoljin u qawwija, inħoss fija nnifsi tferfira ta' ferħ u xewqa kbira li narak darba oħra! Kemm kont inħossni ħieni meta fil-għaxija kont immidd rasi fuq l-imħadda u naħseb li jien kont ninsab fl-Art Imqaddsa, għax min jaf kemm-il darba kienet mirfusa mir-riġlejn ta' Ġesù u mbagħad imsoqqija bil-għaraq u d-demm tiegħu!

Imma nerġgħu għall-istorja ta' Ġerusalem. Wara l-mewt tas-sultan David, laħaq sultan ibnu Salamun. Taħt it-tmexxija ta' dan is-sultan għaref u għani Ġerusalem laħqet il-qawwa tagħha. It-Tempju li fih kienu jsiru s-sakrifiċċji ta' l-Għaqda l-Qadima u l-palazzi l-oħra li bena Salamun kienu għadhom ma dehru qatt fid-dinja, sewwa għall-kobor u sewwa għall-ġmiel u l-għana tagħhom. Iżda mal-mixja taż-żmien, ħafna slaten oħra, u l-aktar Nabukodonosor fis-sena 587 qabel Kristu, ħebb għal dik il-belt u qerdilha t-Tempju u l-isbaħ bini tagħha. Ċiru, mbagħad ir-re tal-Persja ried ikun biex jarġa' jinbena t-Tempju u tingħata ħajja ġdida lil belt ta' Ġerusalem.

Fis-sena 63 q. K. l-Art Imqaddsa waqgħet taħt il-ħakma ta' Ruma, imma r-Rumani ma kenux jindaħlulhom lil Lhud fir-Reliġjon tagħhom u fejn setgħu dejjem imxew għal xejrithom. Imma mbagħad ma kienx għadda żmien twil mill-mewt tal-Feddej tagħna Ġesù meta Alla l-Missier, qatagħha li għandu jgħaddab lil Poplu Lhudi għal ħtija kbira li kien għamel meta ħaqar u sallab u ċarċar id-demm tal-Iben Tiegħu l-Waħdieni. Għal hekk fis-sena 70 w. K. Titu, il-Ġeneral Ruman, b'qawwa tal-għaġeb ħabat għal Poplu Lhudi u wara li ħarbtu tagħa n-nar lit-Tempju ta' Ġerusalem. U minn dak il-kobor, ġmiel u għana kollu, ma baqgħetx ħaġra fuq oħra.

Imma fl-aħħar, meta kienu għaddew xi tliett mitt sena, Alla nnifsu, imxabba' biex ingħid hekk mit-tkasbir tal-belt tiegħu mqaddsa, bagħat Imperatur ieħor Ruman, Nisrani, Kostantinu l-Kbir, biex flimkien ma' ommu l-Qaddisa Santa Liena jieħu taħt idejh l-imkejjen egħżież li fihom kienet twettqet il-Fidwa tagħna. Imma jaħasra, ma laħqux għaddew mijiet kbar ta' snin li l-Art Imqaddsa kollha kemm hi, bil-belt ewlenija tagħha ma reġgħetx waqgħet f' idejn il-Mislem li ma kienx fadallu x' jagħmel aktar biex jitħallas mill-insara u minn dak kollu li kien Nisrani. Għal hekk imbagħad l-Insara minn kull naħa tad-dinja bdew jingabru flimkien u jgħaqqdu tajfiet sħaħ ta' suldati li ħa-

du l-isem ta' **Crociati** jew Salibin, biex il-koll flimkien, taħt bandiera waħda, il-bandiera tas-Salib, jerħulha lejn dik l-art u jeħilsuha mill-madmad qalil u kiefer tan-Nofs Qamar. Imma min-naħa l-oħra, għalkemm dawn it-tajfiet Insara għamlu ħilithom kollha, ma setgħux iżommu għal żmien twil taħt idejhom dawk l-imkejjen imqaddsa u mberkin bil-għaraq u d-demm tal-Feddej Tagħna

Fl-aħħar imbagħad, wieħed raġel, kollu kemm hu Kattolku u Apostolku, qaddis xbieħa ta' Kristu, san Franġisk t'Assisi, imgħammar m'hux bis-sejf u l-vleġeġ, imma bl-imħabba u l-ħniena, fettillu jitlaq għan-naħa tal-Lvant u fissena 1219 wasal l-Eġittu u daħal quddiem is-sultan ta' hemm, Melek il-Kamel, u bil-kelma qaddisa ta' fommu u bl-imġieba tiegħu ta' ħlewwa li ssaħħar talbu biex iħallih jidħol Ġerusalem. U ħaġa tal-għaġeb, dak is-Sultan, għal kemm kien jobgħod lill-Insara, meta ra quddiemu lil dak il-fqajjar, xagħru imqarweż u ħafi, liebes ċoqqa mraqqgħa u mħażżem b'biċċa ħebel, minn bdiel ma xeħtu fil-ħabs jew tajjarlu rasu bissejf, għadru u taħ kull ma talbu u minn fuq amar li ħadd min-nies tiegħu ma kellu jerfa' jdejh fuqu jew jagħmillu xi ħsara. U san Franġisk, kollu ferħan ħareġ minn quddiem is-Sultan u telaq lejn Ġerusalem, daħal fiha u ħa taħt idejh l-Imkejjen Imqaddsa tagħha, li kienu mġarrfa jew mirduma, u sejjaħ mill-bgħid ir-Rħieb tiegħu li mal-mixja taż-żmien bdew isewwuhom u jibnu knejjes fuqhom. U ħekk bil-ftit il-ftit dawk l-Imkejjen Imqaddsa, wieħed wara l-ieħor, ġew taħt idejn il-Franġiskani li fil-gżejjer tagħna nsibuhom bl-isem tar-Rħieb ta' Ġieżu. U minn dak iż-żmien ta' San Franġisk sal-lum dawn ir-Rħieb Franġiskani baqgħu dejjem fl-Art Imqaddsa, għal kemm tul ta' fuq is-seba' mitt sena ltaqgħu ma' kull xorta ta' twegħir u kellhom iġarrbu l-ġugħ u l-ħabs u tixrid ta' demm. Għadhom hemm dawk l-Appostli ta' San Franġisk, igħassu u jħarsu b'ħila li tgħaġġeb l-Imkejjen Imqaddsa tal-Fidwa tagħna.

Fl-Art Imqaddsa hemm xi sebgħin minn dawn l-Imkejjen Imbierka, u sa nsemmu xi ftit minnhom u nibdew minnaħa ta' fuq, jiġifieri mill-Galilija. Ġewwa Nażret, il-belt tal-Madonna, hemm il-Grotta tal-Lunzjata, fejn l-Anġlu Grabiel ħabbarha li kellha ssir Omm tal-Iben t'Alla. Fil-qrib tagħha hemm ukoll il-knisja ta' San Ġużepp, mibnija fejn kien il-ħanut tax-xogħol tiegħu, li fih kien jaħdem u jagħnet biex jaqla' l-ħobża ta' kull jum. Ftit mili bgħid hemm Kana, fejn Ġesù kien mistieden f'tieġ tal-qraba tiegħu u biddel l-ilma f'inbid, u fejn il-lum il-Franġiskani għandhom knisja. Ftit 'l isfel minn Kana hemm il-Għadira jew Baħar ta' Tiberja, fejn il-Franġiskani għandhom knisja mibnija għamla ta' dgħajsa biex tfakkar li hemm San Pietru minn sajjied il-ħut Ġesù għamlu sajjied il-bnedmin u ħatru bħala Ras tal-Knisja. Hemm ukoll il-ħerba tas-Sinagoga li fiha kien igħallem Ġesù fil-belt ta' Kafar-Naħum. Fuq ir-riħ ta' Tiberja hemm it-Tabor, li hu ġebel għoli, li fuqu hemm Bażilka ġdida, fejn darba waħda Ġesù nqata' mill-art u wera sebħu lit-tliet Appostli l-magħżula, biex igħarrafhom li hu kien tas-sew il-Messija mħabbar mill-Profeti.

U issa mill-Galilija ngħaddu għal-Lhudija, jew għan-naħa t'isfel tal-Art Imqaddsa, u nibdew minn Betlehem, fejn għadu hemm il-Għar li fih Marija, l-Omm u dejjem Safja, ġiebet fid-dinja lil Ġesù u qegħditu ġewwa l-maxtura. U minn Betlehem, wara ħames mili mixi, nidħlu l-belt Imqaddsa ta' Ġerusalem, u nsibu għadd kbir ta' Mkejjen Imqaddsa. Ninżlu l-ewwel fil-Ġnien

taż-Żebbuġ u nsibu Bażilka ġdida u sabiħa mibnija fuq il-blata li fuqha Ġesù għereq l-għaraq tad-demm awl il-lejl tal-passjoni ħarxa tiegħu. U dik il-blata nfisha l-lum hija l-presbiterju tal-artal il-kbir tal-Bażilka li semmejna. U fuq dana l-presbiterju, jiena wkoll żmien ilu, kelli x-xorti li nkanta l-Passju f'Ħadd il-Palm, bħal ma mbagħad fil-Ġimgħa l-Kbira kantajtu wkoll fuq il-Kalvarju.

U jekk mill-Ġnien taż-Żebbuġ nitilgħu t-telgħa u nidħlu Ġerusalem, wara ftit naslu ħada l-Pretorju ta' Pilatu, u ngħaddu minn dik it-triq li minnha Ġesù għadda mgħobbi bis-salib, u niltaqgħu ma' ħafna knejjes żgħar, mibnija fuq il-waqfiet li naħsbu fuqhom meta nagħmlu l-Via Sagra. U hekk nibqgħu mexjin sa kemm naslu fuq il-Għoqba tal-Golgota jew Kalvarju, u hemmhekk insibu żewġ kappelli, waħda fejn Ġesù kien imnażża' minn ħwejġu u msammar u oħra fejn kien imwaqqaf imsallab fuq is-salib, bejn żewġ ħallelin.

Imma l-aqwa u l-aktar Imqaddes fost l-Imkejjen kollha huwa dak li nsibu ftit passi bgħid mill-Kalvarju, jiġifieri l-Qabar ta' Kristu. Dan huwa l-qalba tal-Imkejjen Imqaddsa l-oħra kollha li sallum għadu jiġbed għal ħdejh qtajja' kbar ta' Nsara minn kull naħa tad-dinja. Qassisin, Isqfijiet u Kardinali jiġu mill-bgħid biex jagħtuh qima, u li ma' dwaru r-Rħieb Franġiskani ma qatgħu qatt il-għassa tagħhom. U għal kemm jiena nnifsi dort u rajt l-Imkejjen kollha tal-Art Imqaddsa, qatt u qatt ma kont inħossni mistrieħ, ħieni, kburi u ferħan, daqskemm meta kien imissni li nqaddes fuq dik ir-rħama bajda li taħtha hemm is-sodda tal-blat, jew qabar, fejn kien midfun il-Ġisem t'Alla n-Nifsu magħmul bniedem u li mbagħad minn hemm qam u ħareġ ħaj u rebbieh fuq il-mewt biex ma jarġa' jmut iżjed.

PROF. D. ANTON TABONE.

BIĊĊA "ART IMQADDSA" F'MALTA

Hawnekk sa nagħmel bħal ma għamel darba f'Nazaret, wieħed Franġiskan, Patri Kleofa. Kienet il-festa ta' San Ġużepp, u għamel priedka fuq il-qrar. Qalilhom lin-nies malli tala' l-manbar: "Il-lum hi l-festa ta' San Ġużepp. San Ġużepp kien mastrudaxxa. Mastrudaxxa jaħdem l-injam. Mill-injam isiru l-kunfissinarji. Il-kunfissinarji jiswew għall-qrar. Mela jien sa nagħmel predka fuq il-qrar!"

U hekk sa nagħmel jien. Dan il-Qari huwa "Leħen l-Art Imqaddsa." F'Malta għandna biċċa Art Imqaddsa. Din l-Art Imqaddsa hi San Pawl il-Baħar. Mela jien sa nikteb xi ħaġa fuq San Pawl il-Baħar!


Imma għaliex hija Art Imqaddsa San Pawl il-Baħar? Għax hemmekk qabad l-art, hemm mexa, hemm għallem, hemm għamel l-ewwel Insara f'dil-gżira, l-Appostlu Missierna San Pawl.

* * *

San Pawl kien Lhudi mit-Turkija, imma trabba Ġerusalem, u kien żagħżugħ imħeġġeġ għal-Liġi ta' Mosè. Ftit wara li sallbu lil Ġesù, meta l-Insara bdew jiżdiedu, daż-żagħżugħ ħa ittra minn għand il-Qassis il-Kbir ta' Ġerusalem biex imur jaqbad minnhom minn Damasku. Fit-triq qabditu x-xita u faqqgħet sajjetta fuq rasu imma ma qatlitux. Mas-sajjetta sama' leħen li qallu: "Xawl, Xawl, lamma tgħażżabni?" jiġifieri: 'Sawl,

Ŝawl, għax qiegħed taħqarni?" Ŝan Pawl wieġeb: "Rabbi, int min int?" U l-leħen raġa' wieġeb: "Jiena Ġesù, dak li qiegħed taħqru inti!"

Minn dak il-ħin San Pawl qaleb Nisrani bir-ruħ u l-ġisem. U beda jgħallem li ma kienx hemm għal fejn wieħed iħares aktar il-Liġi ta' Mosè, għax Ġesù bil-mewt tiegħu kien neħħieha. Għal dan il-Lhud kienu jobgħoduh, dawk li kienu qalbu u dawk li ma hemm, billi kien ħarrku l-Qassis il-Kbir. San Pawl ma riedx, imma talab li jinbagħat Ruma, ħalli l-kawża tinqatagħlu quddiem l-Imperatur. Għal hekk il-Ħakem għabba fuq ġifen lilu u ħafna oħrajn u bagħathom lejn l-Italja qajl-qajl. Kien ix-xahar ta' Awissu tas-sena wara Kristu 60. Il-ġifen kien jimxi bir-riħ biss, mhux bl-imqadef ukoll, għal hekk marru mal-art-l-art, meta iqum ir-riħ jimxu,



Is-safra ta' San Pawl minn Kajsarija sa Pozuoli.
Il-ħażż iswed juri l-mogħdija tal-ġifen.
It-tikek juru kif kien jgħaddi l-ġifen kieku tas-sew mar Meleda.

kienux, għax dawk li qalbu Nsara kienu baqgħu jħarsu wkoll il-Liġi l-Qadima. Darba San Pawl mar Ġerusalem u daħal it-Tempju. Kif rawh hemm ġew il-Lhud ħatfuh u kienu sa joqtluh, li ma niżlux is-suldati Rumani li kienu għassa fil-fortezza u ħaduhulhom minn idejhom. Minn Ġerusalem ħaduh Kajsarija, u dewwmuh hemm sentejn, sa ma tinqataġlu l-kawża.

Darba saqsewh jekk riedx jitla' Ġerusalem, ħalli l-kawża tinqataġlu u meta jorqod ir-riħ, jieqfu. Ara kemm waqfu, li biex waslu minn Kajsarija sa Kreta, damu sejrin xahrejn!


Daħlu fi Kreta, imma l-marsa li daħlu fiha lill-kaptan ma għoġbitux, għax ma kenitx tajba wisq biex jgħaddu fiha x-xitwa. Imma kif ħareġ il-ġifen minn hemm biex jidħol marsa oħra, l-ajru qallu: "Hawn irridek!" Qamet taqliba ddoqq l-iskotti u l-ġifen bdiet iddawru donnu żugraga u tgħollih donnu tapp ta' flixkun. U wara erbatax-il jum mitlufin fuq il-

baħar, daħlu fi gżira jisimha Melite, u ma ntilef ħadd minnhom, u għaddew it-tliet xhur tax-xitwa hemmekk.

* * *

Ġie żmien li kien hemm min qal li San Pawl mhux f'Malta ġie, imma mar fi gżira oħra, jisimha Melite wkoll, fil-baħar Adrijatku, qrib il-Jugoslavja. Ir-raġunijiet li ġiebu kienu dawn: (a) li Malta ma hawnx lifgħat; (b) li Malta ma tinsabx fil-baħar li jgħidulu Adrija; u (ċ) li l-Maltin ta' dak iż-żmien kienu 'l quddiem ħafna u ma tistax tgħidilhom *Barbaroi*.

Dawn ir-raġunijiet huma, kif ngħidulhom bil-Malti, tiftix ta' xagħra fil-għaġina. Għax (a) il-lifgħa ħarġet minn ġewwa l-qatta tal-ħatab, u l-ħatab ma tistax tgħid li kien ħatab ta' Malta. Sal-lum għadhom fil-Greċja jbiegħu l-ħatab għan-nar lil pajjiżi oħra (ara l-ktieb ta' Morton: "In the Steps of St. Paul", faċċata 228). U sa xi ħamsin sena ilu Malta wkoll kien jinġieb il-ħatab għan-nar minn artijiet oħra. Il-lifgħat fix-xitwa jorqdu għal kemm-il xahar, jew taħt l-art, jew jekk isibu, ġewwa l-ħatab (ara wkoll "News of the World", 17 ta' Lulju 1955, faċċata 4. Mara Ingliża xtrat ħasira tal-qasab u kif fir-xitha minn ġewwa fiha ħareġ serp). Tarġa', jista' jkun li dik li ħasbuha lifgħa kienet serp ta' Malta, li jixbaħ ħafna lil-lifgħa, jgħidulu bil-Latin *coluber leopardinus* (ara x'kiteb fuq din ix-xorta ta' serp is-Sur Gwidu Lanfranco fis-"Sunday Times of Malta" tas-17 ta' Mejju 1956), billi dawk il-Barbrin kienu nies minn Barberija tas-sew, u ma kienx ilhom wisq li ġew Malta jaħdmu fir-raba ta' San Publiju. Is-serp kien daħal jorqod ir-raqda tax-xitwa, għax meta San Pawl ġie Malta kien Novembru, wara s-sawma tal-ħarifa (dis-sawma timxi mal-qamar, u tiġi bejn is-26 ta' Settembru u l-14 ta' Ottubru, kif qalli r-Rabbi tal-Lhud), u kien laħaq beda l-ksieħ. (b) il-baħar li jgħidulu Adrija kien jibqa' nieżel sa Malta, u dan jidher mill-kitba ta' baħħara Griegi tal-antik (ara "Voyage and Shipwreck of St. Paul" ta' Captain James Smith, R.N.). (ċ) kienu jissejħu *Barbaroi* dawk in-nies li ma jafux bil-Grieg, iew li jafuh ħażin-ħażin (ara "Sull'Origine della



MALTA. — Ritratt tad-Daħla ta' San Pawl il-Baħar meħuda mill-ajru.
A: fejn rabat il-ġifen bil-lejl, fejn ħemm 15-il qama ilma. — B: fejn riedu jidħlu fil-għodu.
C: id-daħla Tal-Għażżenin fejn lil ġifen tefgħu r-riħ.

Lingua Maltese'', ta' A. E. Caruana, faċċata 222).

Imma li San Pawl ġie Malta, din tagħna, hemm argumenti li ħadd ma jista' jċaqlaqhom: (a) il-kaptan baża' li l-ġifen jeħel ġewwa r-ramel ta quddiem l-Afrika; mela r-riħ ma kienx jonfoħ għan-naħa tat-Tramuntana, fejn hemm Malta l-oħra, imma għannaħa ta' hawn. (b) San Pawl u sħabu xettew fil-gżira li waslu fiha, mela kienet bgħida mit-*terra ferma*, m'ħux bħal Malta l-oħra, ta' fuq, li minnha għal Jugoslavja ma hemmx għajr erba' mili bgħid. (ċ) Wara x-xitwa marru l-Italja ma' ġifen Lixandrin li kien xetta fil-gżira. Issa ġifen Lixandrin f'Malta tagħna jista' jinsab, m'ħux f'Malta ta' fuq, għax hemm ma hix triqtu mill-Eġittu għall-Italja, bħal ma jidher mill-mappa li ġibna hawnekk. (d) San Luqa kiteb li huma u sejrin l-ewwel għaddew Serqusa imbagħad Reġġu; kieku kienu ġejjin minn Malta ta' fuq, kienu jgħaddu bil-maqlub, l-ewwel Reġġu, imbagħad Serqusa, kif jidher ukoll fil-mappa, m'ħux l-ewwel jinżlu 'l isfel, imbagħad jerġgħu jitilgħu 'l fuq. Mela San Pawl Malta tagħna ġie, u Malta tal-Jugoslavja anqas biss ħolom biha.


* * *

San Pawl qagħad tliet xħur hawn Malta u milli jidher, il-biċċa l-kbira taż-żmien għaddieh għall-kwiet, fil-villa ta' San Publiju, Bur-Marrad, qrib id-dahla li niżel fiha. Dan jidher għax hemmekk hemm wied jgħidulu Wied il-Pwales. *Pwales* hija l-plural Malti ta' *Paulus*, u tfisser, kif kieku ngħidu l-lum: *il-Pawlini*, jiġifieri, id-dixxipli ta' Pawlu. Dak iż-żmien hekk kienu jagħmlu l-Insara, jieħdu l-isem ta' min għammidhom, għad li lil San Pawl innifsu ma kienx jogħġbu dan (ara I Kor. I, 12-17).

San Pawl, mela, hawn Malta, għamel ħabib sewwa ma' dawk li kienu għenuh jeħles mill-għarqa. Kien imur dali jsibhom u joqgħod jgħallimhom u jfejjqilhom lil min kellhom marid.

* * *

Mur araħ, mela, lil San Pawl, f'xi għodwa xemxija tax-xitwa, johroġ mill-villa ta' Bur-Marrad u jitlaq qajl-qajl, jgħawweġ saqajh (għax jgħidu l-



SAN PAWL IL-BAĦAR. — Il-"kolpos" jew daħla żgħira fejn il-kaptan riesd jinkalja l-ġifen u ma seħħlux. Tidher il-knisja mibnija tifkira tal-Miġja ta' San Pawl, fuq il-post fejn il-Maltin xegħlu l-ħuġġieġa. Ritratt meħud mill-kittieb.

antiki li San Pawl kellu għal-inejh impexpxin, u saqajh imgħawġa, *Acta Pauli*, k. II, v. 3, u hu wkoll jgħid li kien ikrah, II Kor. x, 10), imsieħeb minn San Luqa u xi suldat Ruman, lejn id-dahla li ngħidulha San Pawl il-Bahar. Hemm kien ikun hemm issajjieda jsewwu x-xbiek, u hu joqoghod bil-qegħda fuq xi ħaġra jew fuq xi sorra xbiek, u huma jduru mieghu. Mur isimgħu jħajjarhom jitilqu l-allat tar-rham u tal-ħaġar, li ma jiswew xejn, u jaghtu qima minn bdielhom 'l Alla Wieħed, Alla tas-sema. Mur isimghu jsemmi għall-ewwel darba f'Malta l-Isem Imbierek ta' ĠESU'!

* * *

Hux tas-sew, mela, li San Pawl il-Bahar hija bicca Art Imqaddsa? Ma hix Art Imqaddsa daqs il-Palestina, għax ma mexiex u għallem fiha Ġesù, imma mexa u għallem fiha, biex nghidu hekk is-*segretarju* tieghu. Għax tad-Din Nisrani kien Ġesù li għamel il-ħmira u qabbad il-forn, imma kien San Pawl li habeż il-hobż, u qabel għaġen il-għaġina!

BEN JEHUŻA



SAN PAWL IL-BAHAR. — Bicca mill-"Art Imqaddsa" ta' Malta. Ix-xatt, 'i min jaf kemm mexa fuqu San Pawl. Ritratt meħud mill-kittieb minn fuq il-tarag tal-knisja.

QAWL TAL-PALESTINA

Min ħabbek, satar għajjubek, u min bagħdek, kattar dnubek. Hekk hu sewwa sew. Min iħobbok, jgħinek u min jobgħodok itaqqallek. Ħaġa li narawha kull jum u kull ħin.

IL-BAŻILKA TAL-QABAR TA' KRISTU

David, Sultan il-Lhud, kien minn Betlehem. F'żogħritu kien jirgħa n-nagħaġ. Hu u ħiereġ jew dieħel bieb il-belt, bil-merħla, kien jaqbad iż-żir u jimlieh bl-ilma mill-bir li kien hemm, u jixrob xarba.

Dak iż-żmien ħelu u mistrieħ tat-tfulija, meta kien hieni u bla ħsieb, ġieh quddiem għajnejh darba, waqt it-taħbit ta' kburitu. U ħarġitlu minn qalbu karba, bħal fexxa qawwija ta' hemm, u maġħha l-kliem ta' niket: "Ah! Kieku xi ħadd iġibli nixrob xarba ilma, mill-bir li hemm f'Betlehem, ħada l-bieb!" (II Slaten XXIII, 15-17).

Bħal ma hi ħaġa minn awl id-dinja li fit-tbatija tiftakar fil-hena, hekk ukoll hi ħaġa minn awl id-dinja li fix-xjuħija tiftakar fiż-żogħżija. U hekk wisq drabi jiġrili jiena. Naħseb fis-snin ta' żogħżiti li għaddejt fil-Belt Imqaddsa, u mnn qalbi toħroġli weħedha t-tnehida: "Ah! Kieku nista' nerġa' nara 'l Ġerusalem! Kieku nista' nżur imqar żjara waħda, bħal dawk ta' dari, lil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu!"

Imma dak li ma nistax nagħmel bil-ħaqq u bil-ġrajja, nista' nagħmlu bil-ħjiel u bil-ħsieb. Nista', jekk irrid, immur inżur żjara bil-ħsieb lil Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Sa mmur mela, sa Ġerusalem, u ngħaddi ftit tal-ħin f'dik il-knisja, imbierka wisq aktar mill-knejjes kollha. U billi għal Qabar ta' Kristu naf li qalb kull ħadd thoss, min jaqra dil-kitba nistħajjel li ġej miegħi.

* * *

Biex tidħol il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, trid tgħaddi minn ġewwa bitħa ċċangata bil-ħaġar tal-qawwi, u mdawra bil-ħitan għoljin. Il-knisja hija stil Gotku, bil-bieb qaws maqsum, bħal xi erba' knejjes qodma li baqa' Malta (Santa Marija tal-Gudja, il-Lunzjata taż-Żurrieq, San Bert tar-Rabat u San Bażilju tal-Imqabba). Fiha żewġ bibien tewmin u żewġ twieqi fuqhom, tewmin ukoll. Bieb minnhom magħluq bil-ħaġar, u l-bieb l-ieħor miftuħ.


Kif tidħol, flok korsija, bħal knejjes oħra, tara quddiemek ħajt. Bejn il-ħajt u l-bieb, fl-art, tara donnu qabar, imdawwar bi tnax-il kandlier kbar, bħal kandlieri tal-blandun, u fuqu mdendla tmien fanali mixgħula (ara r-ritratt fil-ħarġa t'April-Ġunju, dis-sena, faċċata 36). Imma daka ma hux qabar. Taħtu jingħad li hemm il-blata li fuqha Ġużeppi u Nikodemu keffnu Ġisem Kristu fil-lizar, qabel ma difnuh.

Fil-lemin tara donnha dar, taħt is-saqaf, bil-bejt tagħha mdawwar bil-balavostri, li titla' għal fuqu minn żewġ tirġien. Id-"dar" hija kappella, jgħidulha ta' Adam, taħt il-Kalvarju, u fuqu hemm tliet artali, tnejn tal-Franġiskani u wieħed tal-Griegi, fuq il-blata fejn waħlħu s-Salib. It-taqsima tal-Franġiskani, is-saqaf u l-ħitan fihom xbiehat tal-mużajk.

Meta tinżel minn hemm fuq, tarġa' tiġi ħada l-bieb; u jekk tidħol 'il ġewwa, lejn ix-xellug, tgħaddi minn taħt ħnejja u tiġi ġewwa knisja mdawra dawra mejt, bħal knisja tal-Mosta, imma iżgħar. Dil-knisja kien bniha Kostantinu, u fl-antik kienu jgħidulha l-**Anastasis.** F'nofsha sew hemm bħal kappella, donnha xi kappella minn dawk iż-żgħar li hemm iċ-Ċimiterju, li ġewwa fiha jinsab il-Qabar ta' Kristu. Hi magħmula minn żewġ kmamar żgħar: kamra barra u kamra ġewwa, bil-bieb ta' bejniethom baxx li trid tgħaddi minnu baxxut. Fil-kamra ta' ġewwa, mal-lemin, tara bħal sodda tar-ħam abjad, mixquqa f'nofsha, mill-wisa'. Taħtha jingħad li hemm bank tal-blat li fuqu meddew il-Ġisem mejjet ta' Ġesù.

Jekk wara li tohroġ mill-Qabar tibqa' diehel 'il ġewwa, issib ruħek f'post li ma tistax tfisser kif inhuwa. Tara fih, 'l hemm u 'l hawn, kolonni qodma u m'hux bħal xulxin; ħitan suwed u rkejjen mudlama. Tara donnu għar b'żewġ kolonni quddiemu, minn ġewwa mudlam, u f'nofs id-dlam tazza tnemnem, tal-ħġieġ aħdar, quddiem xbieha ta' xi ħaġa. Dik hi kamra maqtugħa fil-blat, u hija tal-Griegi, u jgħidulha l-Ħabs ta' Kristu. X'ħin tgħaddi minn hemm, jekk tibqa' sejjer 'il ġewwa, trid timxi u żżomm mal-ħajt, għax ma tarax, daqs kemm hemm dlam.

Max-xellug, inti u miexi, tara bieb bid-dawl, u jekk tidħol fih, tinżel minn taraġ u ssib ruħek f'kappella taħt l-art. Hija kappella qadima, wieqfa fuq erba' kolonni qosra, u bil-koppla fuq, bittwieqi miftuħa u minnhom jinstemgħu l-għasafar ipespsu. Din hi l-kappella ta' Santa Liena. Fil-lemin tagħha hemm taraġ ieħor tal-ħadid wieqaf u dejjaq, li jagħti għal ġewwa bir mudlam, fejn Santa Liena sabet is-Salib. Dan il-bir



A: Misraħ quddiem il-Bażilka. B: Bieb tal-Bażilka. C: Knisja tal-Qabar ta' Kristu. D: Il-kor tal-Franġiskani. E: Il-kor tal-Griegi. F: Kappella tal-Kalvarju. G: Kappella ta' S. Liena.

1. Il-Ħaġra li fuqha keffnu l-Ġisem ta' Ġesù. 2. Fejn waqfet il-Madonna waqt li Ġesù kien imsallab. 3. Il-kamra ta' barra, u 4. Il-kamra ta' ġewwa, fejn kien imqiegħed Ġesù mejjet. 5. Kappella tas-Sirjani. 6. Artal tal-Maddalena. 7. Artal tal-Kolonna tal-Flaġellazjoni. 8. Kunvent tal-Franġiskani. 9. Sagristija tal-Franġiskani. 10. Kappella ġol-blat, jgħidulha l-Ħabs ta' Kristu. 11. Artal ta' S. Longinu. 12. Artal tal-Qsim tal-Ħwejjeġ. 13. Ġiebja, fejn S. Liena sabet is-Salib. 14. Artal tal-Improperji. 15. Fejn sammru l-Ġesù mas-salib. 16. Fejn waqqfu s-salib b'Ġesù fuqu. 17. Artal tad-Duluri. 18. It-taraġ tal-Kalvarju. Fil-pjanta ż-żgħira. 19, 20, 21. Kappella t'Adam, taħt il-Kalvarju (l-iswed: il-biċċa tal-Blata Mqaddsa, li baqa' l-lum). 22. Fejn il-Griegi jżommu r-Relikwi. 23. Kappella ta' S. Marija l-Eġizjana. Mill-ġdid il-pjanta l-kbira. 24. Kappella ta' S. Mikiel. 25. Kappella ta' S. Ċwann. 26. Kunvent Grieg ta' S. Abraham. 27. Kanpnar tal-Bażilka (mibni fil-1160). 28. Menqa tal-magħmudija. 29. Kappella ta' S. Ġakbu tal-Griegi.

ħuwa tal-Franġiskani u fih hemm artal u fuqu sura ta' Santa Liena, tal-bronż, thaddan is-Salib (ara l-aħħar ħarġa ta' dal-qari, Lulju-Settembru, faċċati 73 u 74).

Imbagħad titla' minn ġewwa l-bir, tarġa' tgħaddi mill-kappella ta' Santa Liena, titla' t-tarag ta' fuq, tiġi fil-kuridur il-mudlam, imma tibda tara ħajta dawl. Tibqa' miexi u tara bieb kbir, jagħti għal ġewwa bitħa, iċċangata bil-ħaġar abjad, jilma' fix-xemx. "Hi!" tgħid f'qalbek. "Araw hawn bieb ieħor!" Imma meta thares sewwa tifhem li dak ma hux bieb ieħor. Dak hu l-bieb innifsu li dħalt minnu! F'dak il-kuridur il-mudlam, meta kont timxi u thasses mal-ħajt, minngħalik li kont timx idritt, imma kont qiegħed iddur. Għal ħekk issa ġejt minn fejn tlaqt, mingħajr ma taf.

Ħekk bil-ħsieb, dorna dawra qasira mal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, u rajna qisna kollox. Taf x'ma rajniex biss minħabba l-għaġla? Is-Sagrestija tal-Franġiskani u l-Kor, fejn igħidu l-uffizzju f'nofs il-lejl.

FRA ELIJA, O.F.M.

IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

IL-PARABBLI TAL-EVANĠELJU

Min qara darba f'ħajtu mqar faċċata waħda tal-Evanġelju jew daħal imqar darba l-Knisja jisma t-tifsir tal-Evanġelju, aktarx li jaf bil-kelma "parabbla". U din hi kelma li ġie li ngħiduha wkoll fit-taħdit tagħna ta' kull jum. Ħekk ġie li ngħidu: "Ġejj b'ħafna parabbli! U b'dan irridu nfissru kliem li bih irridu naħbu l-verità, kliem li juri ħaġa b'oħra, kliem li ma jfisserx dak li għandna f'moħħna. Imma ma nistgħux ngħidu li Kristu bil-parabbli tiegħu ried jaħbi l-verità u juri ħaġa b'oħra. Mela xinhi l-parabbla tal-Evanġelju? Ngħiduh fi ftit kliem. Il-parabbla hi rakkont ivventat, iżda meħud mill-ħajja, biex wieħed aktar ifiehem xi tagħlim tqil biex wieħed jifhmu. Ġesù Kristu tana ħafna tagħlim fuq il-Knisja li kien sa jwaqqaf u li kellha tkun il-bieb talġenna. Dan kien tagħlim tqil li l-poplu ma kienx jista' jifhem malajr. Għalhekk Kristu kien jinqeda b'ħafna tixbihat biex ifiehem lill-poplu dak li ma kienx jifhem kieku kellmu ċar. Nieħdu eżempju. Il-Lhud kienu jafu li huma kienu l-poplu ta' Alla, il-poplu magħżul minn Alla. Is-saltna tas-smewwiet, minn għalihom, kienet għalihom biss. Biżżejjed tkun Lhudi, min-nisel Abraham, biex tidħol fis-saltna tas-sema. Jekk issa Kristu ġie jxandar is-saltna ta' Alla, li kienet il-Knisja bħala triq għall-ġenna, huma setgħu jaħsbu li biżżejjed għalihom li jidħlu fil-Knisja biex jiksbu s-saltna tas-smewwiet. Kristu jrid ineħħilhom dil-fehma. Kif? Permezz ta' parabbla; permezz ta' rakkont li mhux veru, imma li donnu veru. Igħidilhom: Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sajjied li jitfa x-xibka l-baħar u jaqbad qabda ħut. Jiġbed ix-xibka l-art, jagħżel il-ħut; it-tajjeb jitfgħu ġol-qfief għal bejgħ; il-ħażin jarmih. Rakkont bħal dan malajr jifhmuh, u għalhekk malajr setgħu jifhmu li mhux kull min jidħol fil-Knisja jsalva żgur.

Mela l-parabbla hi mezz popolari ta' tagħlim. S. Ġrolmu, li għadda ħafna snin fil-Palestina, jgħid li s-Sorjani mdorrijin idaħħlu l-parabbli huma u jitħaddtu, biex dak li wieħed ma jistagħx

jifhmu mill-ewwel jifhmu permezz ta' tixbiha. Kif kienu dawn il-parabbli tas-Sorjani S. Ġrolmu ma qalilniex. Imma mhux is-Sorjani biss; aħna l-Maltin ukoll, bla ma nafu, ndaħħlu sikwit il-parabbli aħna u nitħaddtu. Mur fuq iz-zuntier tal-Knisja nhar ta' Ħadd wara l-barka. Hemm qatgħa nies imdawwrin ma' wieħed li jidhirlu jaf aktar minnhom. Qiegħed ikellimhom fuq il-Gvern, fuq il-gwerra, fuq il-politka jew ħwejjeġ. Ma tantx jistgħu jifhmu. Imbagħad igħidilhom: "Ara, Żepp, nagħtu kas int għandek għalqa, tħallas il-qbiela tagħha. Dejjem tħallas, u sidha ma għandux xi jgħid minnek. Issa jkun hemm wieħed li jaqbillu li l-għalqa tkun f'idejh; imur għand is-sid, igħid kontra tiegħek, igħolli fuqek u jeħodlok l-għalqa. Xi tgħid, Żepp?" Mhix irġulija, iwieġbu Żeppi. Żeppi fehimha l-istorja, u permezz tagħha fehem dak li qabel ma setagħx jifhem. L-istejjer tagħna li jibdew b'**Nagħtu kas** jixbhu l-parabbli tal-Evanġelju. Kristu seta qal: "Nagħtu kas ikun hemm wieħed sajjied..." u r-raġel ta' fuq iz-zuntier seta qal: "Dak li għamel il-Gvern, jew dak li għamel Hitler jew Stalin, jew Nâser jixbah lil wieħed li kellu għalqa..."

Minn dan nitgħallmu ħafna fuq il-parabbli tal-Evanġelju. Nitgħallmu l-parabbla mhix storja vera, imma storja ivventata; għalhekk il-parabbli tal-Evanġelju huma stejjer ivventati. Għalkemm ivventati, f'dawn l-istejjer ma hemm l-ebda qerq, l-ebda gideb. Min igħid storja u jibdieha b'**Nagħtu kas** u la jrid jigdeb u anqas iqarraq, imma juri biss dak li jġri qalb il-bnedmin. Hekk ukoll Kristu fl-Evanġelju. Il-parabbla hi mezz popolari ta' tagħlim. In-nies ta tagħlim qatt ma jfittxu li jfiehmu wieħed lil ieħor b'**Nagħtu kas.** U Kristu li kien igħallem lil nies mingħajr l-ebda tagħlim inqeda b'dan il-mezz popolari biex ifehimhom it-tagħlim għoli tar-reliġjon il-ġdida. Xi drabi meta ngħidu xi storja ta' **Nagħtu kas** indaħħlu xi xniexel li ma jfissru xejn, imma jservu biss biex nagħtu aktar ħajja lir-rakkont. Hekk ukoll fil-parabbli ta' Kristu għandna xi xniexel li ma jfissru xejn, imma jservu biex jagħtu ħajja lir-rakkont. Nieħdu l-parabbla tal-iben il-ħali. X'ifissru ċ-ċurkett, is-sandli, il-libsa l-ġdida li l-missier ta lil ibnu? Xejn. Imma qegħdin hemm biex juruna x-xena aktar ħajja.

Mela l-parabbli tal-Evanġelju huma rakkonti qosra, mhumiex veri, imma meħudin mill-ħajja, biex ifiehmu permezz ta' xebh xi tagħlim għoli tar-reliġjon. U nistgħu nxebbhuhom mar-rakkonti tagħna li jibdew b'**Nagħtu kas.**

P. P. SAYDON.

QWIEL TAL-PALESTINA

Ħalasna minn el-ħarb, u motna fis-salama, jiġifieri: *Ħlisna mill-gwerra, u mitna fil-paċi.* Bil-Malti għandna qawl jixbah lil dan: Għaddejna l-baħar kollu u għereqna fil-port.

Xart il-qalfe, terk il-kalfe. Ifisser: *Il-ħabib tas-sew ma jagħmilx komplamenti.* Min jagħmillek il-komplamenti, ibża' minnu, għax ma jkunx ħabib ta' bil-ħaqq.

Sadiq imħassar, għadu mfassar. Jiġifieri: *Ħabib li jtellfek, huwa għadu ddikjarat.* Għax aktar jagħmillek deni nkella ġid.

IS-SINAGOGA TA' KAFAR-NAĦUM


L-aktar tlitt ibliet magħrufa fil-Palestina, huma: Betlehem, fejn twieled Ġesù; Nazaret, fejn trabba', u Ġerusalem, fejn miet. Imma hemm belt oħra (jew aħjar: *kien hemm* belt oħra), li kien jistħoqqilha tissemma daqs dawna, għad li ma tissemmiex. Din hija l-belt ta' Kafar-Nahum, fuq ix-xatt tal-Baħar tal-Galilija, li fiha mar joqgħod Ġesù.

Din il-belt, Kafar-Nahum, ma tissemmiex bħat-tlieta l-oħra, għax dawk għadhom sħaħ, imgħammra bin-nies, il-lum ukoll, imma din iġġarrfet kollha u issa ma baqax jidher minnha ħlief ħaġar nofsu mirdum bit-trab. Taf x'għadu jidher sewwa fiha? Il-ħerba tas-*Sinagoga*, jiġifieri tal-knisja tal-Lhud. Dik is-Sinagoga, li fiha kien jgħallem Ġesù kull nhar ta' Sibt, u fiha għamel ħafna għeġubijiet.

* * *

Kif kienet is-Sinagoga ta' Kafar-Nahum, fiż-żmien li kien jgħallem fiha Ġesù?

Il-lum nistgħu nkunu nafu kif kienet bir-rqaqat kollha, għax il-ħerba tagħha tinsab kollha mikxufa, u għal kemm imġarrfa, il-ħaġar tagħha għadu qisu kollu hemm. Ara kemm, li kieku jridu l-Franġiskani, li hi tagħhom, għax xtrawha xi sittin sena ilu, jistgħu jerġgħu jibnuha mill-ġdid. L-ewwel wieħed li ħaffer u kixifha kien il-Kaptan Charles Wilson, Ingliż, fis-sena 1865, u warajh żarha u flieha l-Pro-




Kif kienet is-Sinagoga ta' Kafar Nahum minn barra.
Disinn maħdum minn fuq il-ħaġar u s-sisien tal-ħerba.

fessur Franċiż, V. Guerin. Imma meta kixfuha, il-Fellaħin, jiġifieri n-nies tar-raba' Għarab, raw il-ħaġar sabiħ tagħha, u bdew jieħdu minnu biex jibnu bih il-griebeġ tagħhom. B'ħafna taħbit il-Franġiskani seħħilhom jixtru lilha u jixtru wkoll bicċa art kbira ġmielha ma' dwarha, fis-sena 1894, u ħekk il-ħaġar tagħha ma żiedx jimtess. Fis-sena 1905, kixfuha aktar minn qabel iż-żewġ Arkeologi Ġermaniżi, Kohl u Watzinger, u fl-aħħar il-Franġiskan Patri Gawdenzju Orfli (dak li semmejna fuqu f'dan il-Qari,

fil-ħarġa ta' April-Ġunju, għamnewwel 1957) raġa' bena biċċa minnha, u tista' tgħid ħtija ta' dan, miet.

Din is-Sinagoga, mela minn ġewwa, fiha tul ta' sitta u għoxrin u nofs qasab Ingliżi (jew jardi) u wisa' fiha għoxrin. Mal-ħajt tal-ġenb tagħha, minn barra, fuq il-lemin meta tħares lejn il-faċċata, kien hemm bitħa, it-tul tagħha daqs tas-Sinagoga (26½ qasba Ingliża) u l-wisa', quddiem tnax-il qasba u nofs, u wara erbatax-il qasba u nofs. Dil-bitħa, fuq tlitt iġnub *tabernaklu* wieħed) li ġewwa fihom kienu jżommu l-Kotba Mqaddsa u jħallu dawl jixgħel lejl u nhar quddiemhom, bħalma jagħmlu l-Insara quddiem il-Qurban. Tarġa' f'din is-Sinagoga, l-artal (biex ngħidulu hekk) ma kienx mal-ħajt, faċċata tal-bieb il-kbir, iħares 'il barra, bħal tas-Sinagogi l-oħra, imma kien wara l-bieb il-kbir, iħares 'il ġewwa. Ma' ġenb il-lemin tal-artal, ħdejn il-bieb, kien hemm ukoll pulptu, għax il-fdal tiegħu sabuh hemm.



Kif kienet is-Sinagoga ta' Kafar Nahum minn ġewwa.

Disinn maħdum minn fuq is-sisien u l-ħaġar tal-ħerba.

tagħha kien fiha l-loġoġ, waqfin fuq il-kolonni, u taħthom kienu jorqdu l-għorba bil-lejl, u jitgħallmu l-iskola t-tfal, bi nhar.

Is-Sinagogi tal-Lhud ma nbatux wisq biex nifhmu kif kienu, għax il-għamla tal-knejjes tal-Insara meħuda minn fuqhom. U din is-sinagoga wkoll kienet tixbah lil xi knisja tal-Insara. Minn barra fil-faċċata kien fiha tliet bibien, bieb kbir fin-nofs u żewġ bibien, ftit iżgħar minnu, ma' ġniebu. Minn ġewwa kien fiha *presbiterju* u fuqu bħal artal. F'dan l-artal kien hemm żewġ *armarjijiet*, bħal *tabernakli* (ma nafx għaliex kienu tnejn, għax is-Sinagogi l-oħra jkun fihom Mat-tliet ħitan tas-Sinagoga, minn ġewwa, kien hemm bħal gallarija wieqfa fuq il-kolonni. Barra, fil-minkeb tal-lemin kien hemm kamra żgħira b'taraġ li jitla' għal din il-gallarija, Hemm fuq kienu jmorru jaħdru l-quddies tagħhom il-Lhud nisa, u isfel kienu joqogħdu r-rġiel.


Dis-Sinagoga kienet imżejna ħafna. Il-ħaġar tagħha kien fih kotra ta' tnaqqix: xbiehat tal-kandlier tas-seba' frajja', l-arka fuq karettun, għenieqed tal-għeneb, il-ħatem ta' David u Salamun, u kien fiha wkoll għelimiet Pagani bħall-ajkla u d-dorbies. Għalhekk inħaseb li kienet dik li bena ċ-Ċenturjun Ruman, kif jissemma fl-

Evanġelju ta' San Luqa, taqsima Sebgħa, ħtut minn wieħed sa ħdax.

Ġesù, fi żmienu, kien dieħel u ħiereġ f'dis-sinagoga. Fiha kien imur jgħallem kull nhar ta' Sibt u fiha wkoll għamel ħafna għeġubijiet. Min jista' jaf kemm kliem sabiħ qal ġewwa fiha, u kemm tagħlim ta' fejda għallem, li ma nkitibx!

Quddiem il-faċċata tas-Sinagoga hemm bankina għolja, li titla' fuqha minn taraġ fil-ġenb. Kemm tbusu bil-qalb dak it-taraġ u tixtieq tbus minn floku dawk ir-Riġlejn Imbierka li rifsu fuqu, li mxew dak il-mixi kollu, u wara tniffdu u twaħħlu bl-imsiemer mas-salib, għas-saħħa tagħna!

ELSIE.



Il-ħerba tas-Sinagoga ta' Kafar Naħum, kif inhi ĩssa.
Jidher it-taraġ li minnu wisq drabi tala' u niżel Sidna Ġesù Kristu.

ISSA, AĦNA, X'SA NWIEĠBU?

Hemm ġrajja miktuba fl-Evanġelju, li meta taqraha ġġiegħlek taħseb. Dil-ġrajja jaħtieġ li nifluha ftit.

Żmien wieħed, aktarx fix-xitwa, Ġesù dam ħafna mbiegħed mill-Appostli. Meta reġa' ltaqa' magħhom saqsiehom: "X'inhuma jgħidu n-nies għalija? Min igħidu li jien?" U huma qalulu: "Min igħid li int Ġwanni l-Għammied; min igħid li int Elija, u mn Ġeremija, jew xi wieħed ieħor mill-Profeti.

Qabeż Ġesù mill-ġdid u raġa' saqsiehom: "U intom, min tgħidu li jien?" U wieġeb San Pietru f'ismu u isem sħabu: "Inti l-Misjaħ, Iben Alla l-Ħajj!"

Minn din il-ġrajja, jidher li Ġesù minn għandna ma jridx ħwejjeġ mislufa, ma jridx għotjiet mixtrija second-hand; irid ħwejjeġ ġodda, ħwejjeġ ħerġin minn qalbna. Mela, aħna, meta wara l-mewt immorru quddiemu, u jaqralna kull ma għamilna matul ħajjitna, jekk isaqsina min qalilna nagħmlu dan, x'se nwieġbuh? Ngħidulu li qalilna Ġwanni jew qalilna Martin? U jekk isaqsina bħal ma saqsa lill-Appostli, u jgħidilna: "Intom, minnkom infuskom, x'għamiltu?" xi nwieġbu? Ma' Ġesù ma hemmx ċajt. Kelma b'oħra miegħu tgħidha ma tistax.

L-EVANĠELJU TA' SAN MATTEW

Il-kotra l-kbira tal-Insara jeħduha bħala ħaġa minnha li l-Evanġelju li ngħidulu ta' San Mattew, kitbu San Mattew ta' bil-ħaqq, u li fuq hekk ħadd ma għandu għal fejn jitħasseb. Imma kif sa naraw hawnhekk, il-ħaġa mi hix hekk ħafifa għal kollox. Hemm ħafna nies li jżommu li l-Evanġelju ta' San Mattew m'hux San Mattew kitbu, u l-fehma tagħhom imsejsa fuq argumenti li jidhru tajbin. Il-Knisja Kattolka, imma, żżomm li tas-sew San Mattew kitbu, kif ingħad minn dejjem; u s-sisien li fuqhom bniet il-fehma tagħha huma sisien sħaħ u qawwija, kif sa naraw ukoll.

Biex din-naqra ta' kitba toħroġ aktar ċara, sa nqassmuha f'ħames taqsimiet żgħar: a) Min kien San Mattew; b) Xi tgħid il-Knisja fuq l-Evanġelju tiegħu; c) X'inhu l-ordni tal-Evanġelji li żżomm il-Knisja; d) Liema huma l-eqdem xhieda li San Mattew kiteb l-Evanġelju; u e) L-Evanġelju li għandna hu, fis-sostanza, dak li kiteb huwa.

a) **Min kien San Mattew.** Kif jinsab miktub fit-tliet Evanġelji Sinottki (Mattew, Mark, Luqa), San Mattew kien Għaxxar, jiġifieri raġel li jiġbor il-għexur, jew **taxxi** fil-belt ta' Kafar-Naħum, fuq ix-xatt tal-Baħar tal-Galilija. Ix-xogħol ta' nies bħal dawn ma kienx magħġub mil-Lhud, għax min kien jaħdmu kien ikollu r-riħ li jaqa' f'kull xorta ta' ħtija. U għal hekk il-Għaxxara kienu magħduda bħala nies mill-agħar. Donnu li San Mattew ma kienx għal qalbu x-xogħol li kellu, għax malli Ġesù għajjatlu, telaq kollox u mar warajh. Ġesù għajjat lil San Mattew fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Messija, għal hekk dan l-Appostlu kien xhud ta' wisq mill-għeġubijiet li għamel u mill-ħidmiet li ħadem Ġesù ma' tul dan iż-żmien.

b) **Xi tgħid il-Knisja fuq l-Evanġelju tiegħu.** Il-Kummissjoni Biblika tal-Vatikan qatgħet li għandu jitwemmen mill-Kattolki dan li ġej (i): li l-Appostlu San Mattew huwa tas-sew il-kittieb tal-Evanġelju li hu b'ismu. (ii): li it-tradizzjoni turi ċar li San Mattew kiteb qabel l-Evanġelisti l-oħra, u kiteb bil-lsien tal-Lhud tal-Palestina. (iii): li ż-żmien li fih kitbu ma hux awħar mill-waqgħa ta' Ġerusalem fis-sena 70 wara Kristu, u aktarx qabel is-sena 60. (iv): li San Mattew ma kitibx biss ġemgħa ta' kliem ta' Ġesù, imma Evanġelju sħiħ, jiġifieri kliem u ġrajja. (v): li l-Evanġelju ta' San Mattew bil-Grieg, jeqbel fis-sostanza mal-Evanġelju bil-Lhudi li kiteb huwa.

c) **X'inhu l-ordni tal-Evanġelji li żżoomm il-Knisja.** Fil-Konċilju ta' Trento, il-Knisja Kattolka żammet dan l-ordni: 1. San Mattew; 2. San Mark; 3. San Luqa; 4. San Ġwann. U aħna nimxu fuq l-ordni Kattolku u nżommu li San Mattew jiġi l-ewwel. Issa naraw x'kienet il-fehma tal-ewwel Insara fuq dan l-Evanġelju, jiġifieri jekk kenux iqsuh bħala Evanġelju, inkella bħala ktieb storku tal-ġrajja.

F'kitba tal-ewwel żmien tal-Insara, jisimha **Didake,** ta' bejn is-snin 80 u 100 W. K., jinsab miktub: "Jeħtieġ li nitolbu kif amar il-Mulej fl-Evanġelju tiegħu (bil-Grieg: **os ekelevsen o Kyrios en to Evangelio avtou)** u wara dan miktub il-"Missierna" kif inhu f'San Mattew. Fid-**Didake** wkoll jinsab kliem mill-Evanġelju ta' San Mattew 63 darba.

San Klement ta' Ruma, bejn is-snin

82 u 101 W. K., għandu minnu, bejn twal u qosra, għaxar biċċiet. Fl-ittra ta' San Barnaba, bejn is-snin 86 u 92 W. K. jinsabu żewġt tismijiet mill-Evanġelju ta' San Mattew (waħda minnhom: **polloi kletoi, oligoi ekletoi;** ħafna imsejħin, ftit magħżulin). Sant Injazju Martri, qrib is-sena 107, fl-ittra tiegħu għandu għaxar ċitazzjonijiet minn San Mattew, qishom kollha kelma b'kelma. San Polikarpju, 70-156 W. K. isemmi l-aħħar kliem tal-"Missierna" kif inhu f'San Mattew u ħafna kliem mit-Taħdita ta' fuq il-Għolja, kif inhu f'dak l-Evanġelju. San Ġustinu Martri minn dan l-Evanġelju għandu 175 tismija, fil-kitba tiegħu. Athenagoras, fil-kitba tiegħu **Apologia Christianorum ad Marcum Aurelium,** għandu wkoll għadd ta' kliem mit-Taħdita fuq il-Għolja, li hi f'San Mattew. Minn dan li għedna jidher ċar kemm dan l-Evanġelju, ta' San Mattew, kien magħruf u meqjum mill-ewwel Insara.

d) **Liema huma l-eqdem xhieda li San Mattew kiteb l-ewwel Evanġelju.** Ta' dan ukoll għandna xhieda mill-eqdem. L-ewwel wieħed huwa Papija, Isqof ta' Hieropli, li kien ħabib ta' San Polikarpju, li kien dixxipolu ta' San Ġwann l-Evanġelista, għal hekk kien imgħarraf sewwa. Dan kiteb ktieb, issa mitluf, li kien jismu: "Tifsir fuq il-kliem tal-Mulej" (Exegesis Logion Kyriakon). F'dan il-ktieb Papija jgħid dan: **Matthaios men oun, Hebraidi dialekto ta Logia (Kyriou) sinetaxato.** Bil-Malti: "Mattew kiteb fil-lsien Għebrani it-Taħdit (tal-Mulej), Sant'Irenew jgħid: "San Mattew kiteb għal-Lhud l-Evanġelju fil-lsien tagħhom, fiż-żmien li Pietru u Pawlu kienu Ruma". Pantenu, 200 W. K. isemmi wkoll li San Mattew kiteb l-Evanġelju fil-lsien Għebrani. Origenes kiteb (snin 185-254): "Kif qalulna ta' qabilna fuq l-Evanġelji, l-ewwel wieħed hu ta' San Mattew, li kien Għaxxar u sar Appostlu. Kitbu bil-lsien Għebrani, għal-Lhud li saru Nisranin". Tertulljanu, bejn is-snin 207-212, kiteb hekk: "L-ewwel Evanġelju hu ta' San Mattew... li jibda hekk: **Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu Bin-David, Bin-Abraham.....**" Ewsebju ta' Kajsarija kiteb il-fehma tiegħu hekk: "Mattew, meta kien ipprietka l-Fidi lil-Lhud, tahom l-Evanġelju miktub fil-lsien tagħhom, qabel ma mar għand ġnus oħra". San Ġlormu, snin 360-400, kiteb: "Mattew, li minn Għaxxar sar Appostlu, kiteb bil-lsien Għebrani l-ewwel Evanġelju għan-nies tal-Lhudija".

Barra mix-xhiediet esterni li semmejna, hemm ukoll xhiediet interni, li hawn se nsemmu tnejn minnhom biss. L-ewwel: l-Evanġelju ta' San Mattew inkiteb qabel is-sena 70. Dan jidher għax il-waqgħa ta' Ġerusalem, f'dak l-Evanġelju tinsab imħawda mal-ġrajja tal-aħħar tad-dinja. Kieku nkiteb wara s-70, din it-taħwida ma kenitx issir. It-tieni: min kiteb l-Evanġelju kien Lhudi tal-Palestina. Dan jidher għax jaf tajjeb wisq il-għadiet politki u reliġjużi u l-ġeografija tal-Palestina ta' żmien Kristu. Jidħol fi rqaqat meta jsemmi kbarat Lhud u nħawi ta' dik l-art li ma jistax jafhom ħlief min trabba fihom.

e) **L-Evanġelju ta' San Mattew li għandna l-lum hu, tal-inqas fis-sostanza, xorta waħda bħal dak li nkiteb l-ewwel.** Din il-ħaġa hija l-qofol ta' dak li għidna qabel, imma qabel ma niftuha, jeħtieġ li nżommu quddiem għajnejna l-**għan** ta' dan l-Evanġelju, u l-**lsien** ewlieni li bih inkiteb.

Il-għan ewlieni ta' l-Evanġelju ta' San Mattew, hu li juri li l-profeziji li l-Lhud kienu jaqraw fil-kotba tar-Rabta l-Qadima seħħew fi Kristu, għal hekk

Kristu kien il-Messija li huma kienu jistennew. Il-lsien ewlieni li bih inkiteb kien l-Arami, jew Għebrani tal-Palestina. Dan l-Evanġelju bil-lsien ewlieni ntilef meta l-Insara Lhud xterdu ma' tul iż-żewġ gwerer, l-ewwel ta' Titu bin Vespasjanu fis-sena 70 u mbagħad ta' Xmun bar-Kokba, fis-snin 132-5.

Il-lum hawn nies ta' skola li jżommu li l-Evanġelju ta' San Mattew kien miktub mill-ewwel bil-Grieg. Għax daqs kemm hu miktub bi Grieg tajjeb, ma jistax ikun maqlub minn lingwa Semija. Imma dan l-argument m'għanddux saħħa. Għax dan kien jiġri wkoll kieku min qaleb l-Evanġelju kien jaf tajjeb l-Grieg. Jgħidu wkoll li l-kliem tal-Għaqda l-Qadima li fih dan l-Evanġelju meħud mill-Bibbja Griega ta' Lixandra, mhux mill-Bibbja l-Lhudija tal-Palestina. Imma anqas dan l-argument ma jorbot, għax ma tistax taf min kien li qaleb l-Evanġelju mill-Arami għall-Grieg. Sata' kien Lhudi-Nisrani tad-Dijaspora, għal hekk kien isemmi l-kliem tal-Bibbja li kien jaf hu. Jgħidu wkoll li kieku kien miktub bl-Għebrani, ma kienx hemm għal fejn il-kittieb ifisser li l-kelma "qorban" tfisser "għotja", u "Golgota" tfisser "ras ta' mewt". Imma dan it-tifsir jinsab fl-Evanġelju kif inhu issa, bil-Grieg, u ma tistax tgħid li kien hekk minn dejjem. Sata' għamlu min qalbu għal Grieg. Ara kemm hu hekk, li kelma minnhom nesa jfissirha. Fit-Taqsima I v. 21 miktub li l-Anġlu qal lil San Ġużepp "Mirjam sa jkollha tifel, li għandek issemmih Ġesù (Jexugħ) għax **jeħles** lil niesu minn ħtijiethom". La darba l-kittieb ma fissirx li **Ġesù** tfisser **Hellies** jidher ċar li kien jaf li l-qarrejja kienu jafu xi tfisser, għax kienu Lhud u l-Evanġelju kien miktub bil-lsien tagħhom. Mela l-Evanġelju ta' San Mattew l-ewlieni kien miktub bl-Arami mhux bil-Grieg.

Nieqfu hawn biex ma niġbdux fit-tul wisq. Imma għad baqa' tifsir ieħor fuq dan l-Evanġelju, li jekk il-Bambin irid, jista' jkun li niktbuh xi darba oħra 'l quddiem.

D. FORTUNAT MIZZI

GĦID IL-MILIED FIL-GĦAR TA' BETLEHEM

Il-Milied minnu nnifsu, fil-qalb iġib il-hena, bħal ma ħabbru l-Anġli lir-raġħajja fl-Ewwel Milied: "Sebħ lil Alla fis-smewwiet, u sliem fl-art lin-nies ta' rieda tajba". Kull nisrani ta' qalb safja ma jistax f'jum il-Milied ma jħossx ferħ u hena ġewwa ruħu. Iħossuhom ħenjin dawk li jgħaddu l-lejl fil-knisja, jitgħaxxqu bil-ħlewwa tal-kant u bil-ġmiel tal-funzjonijiet. Imma qatt ebda bniedem ma jħoss ferħ hekk kbir u hena daqs min igħaddi lejl il-Milied f'Betlehem l-imkien sewwa fejn xi elfejn sena ilu twieled għalina Ġesù. U jien li sitt snin ilu għaddejt il-Milied f'Betlehem sa nikteb fil-qosor kif isiru l-funzjonijiet hemmhekk.

Lejn Betlehem

Kien mela, lejlet il-Milied filgħodu, meta r-rajjes tal-Kulleġġ Bibliku ta' Ġerusalem, fejn jien dak iż-żmien kont qiegħed, resaq fuqi u tani l-aħbar li jien kont magħżul biex nagħmilha ta' ministru fil-funzjonijiet tal-Milied ġewwa Betlehem. Għal dik l-aħbar ħassejt bħal dehxa ta' ferħ fija, u għaġġilt lejn kamarti u mlejt bagalja żgħira bil-meħ-


tieġ u ħriġt 'il barra u ħaffift fil-mixi biex nilħaq il-karrozza tat-tmienja, li titlaq għal Betlehem minn Ġerusalem. Kif ħriġt iltqajt ma' wieħed li nafu: il-Professur Silvester Saller, li mexxa t-taħfir u kixef kixfiet hemmija fuq Monti Nebo u f'Betanja. Ħriġna flimkien minn Ġerusalem,minn Bab il-Għamud li quddiemu jieqfu l-karrozzi, bħalma f'Malta jieqfu quddiem Putirjal. Sibna l-bus numru sittax u rkibna, u ħallasna erbgħin fils (disgħa soldi) kull wieħed, u ftit wara l-karrozza mxiet.

Għaddejna għal wara s-sur; ilwejna u nżilna ġewwa Wad il-Goż; tlajna minn triq zigzag fuq Ġebel iż-Żejtun, għal quddiem id-dejr tal-'High Commissioner', għal ġewwa r-raba', kollu għerien u oqbra qdam, sa ma lħaqna r-raħal ta' Sur-Baħir. Minn hemm dehret Betlehem quddiemna, mifruxa fuq l-għoljiet, u warajha l-'Herodium', li hu l-qabar ta' Erodi l-Kbir, għamla ta' għolja beżżulija, u fix-xellug il-Baħar il-Mejjet u l-Ġurdan.

Meta qrobna lejn Betlehem, billi kien għadu l-ħin ħafna (għax kienu għadhom it-tmienja u nofs), jien u l-professur Saller inżilna mill-karrozza biex nibqgħu sejrin Betlehem bil-mixi. Ixxemx kienet fietla; is-sema ċar, u l-arja safja tal-iġbla tħossha tagħtik issaħħa. Kif għaddejna l-qabar ta' Rakela, naraw quddiemna żewġ Dumnikani. Intebħu bina u waqfu jistennewna. Ma kienu ħadd iehor għajr il-wisq imsemmi Arkeologu Pere de Vaux, wieħed mill-mexxejja fil-kxif dan l-aħħar tad-dejr ta' l-Esseni f'Hirbet Qumran, qrib il-Baħar il-Mejjet, u sieħbu Pere Benoit. U ħekk l-erbgħa bqajna sejrin flimkien, nitħaddtu u nimxu qajla qajla u wasalna Betlehem wara xi għaxar minuti jew ħekk. Kienet naqra ta' mixja li għadni nqisha bħala l-isbaħ waħda li għamilt f'ħajti.

Fl-Għar Imqaddes

Dħalna l-knisja ta' Santa Katerina u għamilna żjara. Inżilna fil-Għar Imqaddes li hu hemm, ma' ġenbha. Qagħadna għar-rkobbtejna fuq il-post fejn twieled Ġesù u tlabna bil-qalb għalina nfusna u għal għajrna, u ħekk




BETLEHEM. — Dehra tal-belt, meħuda min-naħa ta' wara, jiġifieri, min-naħa ta' Hebron, mhux min-naħa ta' Ġerusalem. Il-Għar Imqaddes jinsab ftit 'il hemm mill-kanpnar it-twil, f'nofs tar-ritratt.

ukoll għamilna fuq il-post ta' fejn kienet l-maxtura. Tlajna', u dorna u flejna l-Bażilika qadima ta' Santa Liena mibnija fuq il-Għar. U żorna l-iskola ta' San Ġormu u l-Qabar tat-Trabi bla Ħtija li Erodi kien ġiegħel li jinqatlu biex magħhom jaħkem lill-Bambin. Morna sa l-Għar tal-Ħalib, ftit bgħid mill-Bażilika, u fil-ħdax morna nieklu mal-Franġiskani ta' hemm.

Għal ħabta tas-siegħa, inżilt fis-sagristija u lbist il-pjaneta u ħriġt malohrajn biex nilqgħu lill-Patrijarka, li kellu jiġi minn Ġerusalem. Il-misraħ ta' quddiem il-knisja kien maħnuq binnies. Kien hemm il-banda ta' Betlehem u s-subien ta' li 'scouts', u ġemgħat ta' nies ta' kull ġens u ta' kull għomor; ir-rġiel iż-żgħażagħ kienu lebsin bħal ta' l-Ewropa — qalziet u ġlekk — imma f'rashom min kellu tarbux, min ħatta u min fejsalija. Ix-xuħ kienu lebsin il-qumbas (bħal qmis salgħarqbejn, donnha suttana ta' qassis, 'double-breasted'), u fuqu l-għabaj u f'rashom kellhom il-leffa. Imma l-aktar li laqatni kien l-ilbies tan-nisa ta' Betlehem. Libsa twila twila, donnha ċoqqa ta' raħeb, sewda jew kaħla daqħmija, imħażżmin f'qaddhom bi ħżiem isfar. Ġlekk aħmar, imtarraż jiġifieri irrakkmat, bil-ward irqieq talħajt tal-ħarir, minn kull lewn, u ħarqa bajda, li minn fuq rashom tibqa' nieżla sa fuq ġenbejhom.

Jasal il-Patrijarka

Ftit wara s-siegħa waslet karrozza sewda. Sparaw xi murtali u l-banda bdiet iddoqq l-Innu tal-Papa. Millkarrozza ħareġ il-Patrijarka u l-bini għoli ta' madwar il-misraħ beda jidwi biċ-ċapċip ta' l-idejn u l-għajjat: "F'el jeħja l-Batrak!" (evviva l-Patrijarka). Mal-Patrijarka kien hemm ukoll l-Awżiljarju tiegħu, Mons Gelat, u l-Kanċillier. Warajh kien hemm is-Sindku ta' Betlehem u warajhom l-Ambaxxaturi ta' ħafna ġnus bin-nies ta' ma' dwarhom. Il-purċissjoni bdiet miexja bil-kant tal-'Benedictus' u daħlet fil-Bażilika ta' Betlehem u minn hemm għall-knisja ta' Santa Katerina tal-Franġiskani. Hemm il-Patrijarka naża' l-ħwejjeġ tal-festa u daħal iddejr tal-Franġiskani, li hu jafu sewwa għax huwa wkoll Franġiskan.



BETLEHEM. — Id-daħla bil-kbir tal-Patrijarka Gori li hi msemmija hawn. L-ewwel wieħed fuq ix-xellug, bit-tunićella huwa Patri Gwidu Schembri, O.F.M., li kiteb dil-kitba.

Għasar Pontifikal

Fl-erbgħa ta' wara nofs in-nhar il-Patrijarka reġa' niżel fis-sagristija, u libes u ħareġ fil-knisja għall-Għasar Pontifikali. Il-Għasar kien imgħanni b'ħafna ilħna, mir-rħieb u s-subien ta' li Scola Cantorum ta' Ġerusalem u Betlehem f'daqqa. Dak ġmiel ta' għana! Tixtiequ ma jehda qatt! Wara l-Għasar in-nies ħarġet barra mill-knisja, iddur mat-toroq tal-belt.

Jien wara l-Għasar ħriġt barra wkoll. U l-ewwel mort nara l-bir ta' David (għax David ukoll kien minn Betlehem) u wara xtrajt xi kartolini biex nibgħathom, bit-timbru tal-posta ta' Betlehem, lil qraba u 'l ħbieb li kelli Malta.

Billi jkun hemm il-funzjoni bil-lejl, dik il-lejla r-rħieb Franġiskani jieklu bikri, biex mn kun irid, jilħaq jorqod ftit. Fuq il-mejda kien hemm il-Patriarka, il-Kustodju u l-kbarat kollha tal-knisja fl-artijiet tax-xerq. Ħdejja kien hemm is-Segretarju tan-Nunċjatura Libanija u qagħadna niħaddtu fuq kif sata' kien Betlehem fi żmien twelid Ġesù:belt żgħira li fiha kien hemm ħan kbir u qadim li jistrieħu fih l-imsefrin mis-Surija għal Maser, u ħan żgħir u ġdid, la Rumana, li fih twieled Ġesù.

Fil-għaxra ta' bil-lejl bdiet l-isbaħ funzjoni li qatt rajt f'ħajti. Beda l-Matutin bil-kbir u l-Patrijarka kien hemm fuq it-tron imdawwar bil-kbarat tiegħu. Kienu jaħdru wkoll l-Ambaxxaturi kollha ta' Ġerusalem u ta' Għamman u ta' bliet oħra. Kien hemm ukoll id-delegati tat-Television Amerikani u xeħtu dawl qawwi biex jieħdu l-films li kellhom jibgħatuhom dak il-ħin biex jidhru l-għada fl-Amerika. Wara bdiet il-quddiesa li fiha tqiegħed fuq l-artal Bambin il-ġmiel ta' ġmielu, tifkira tat-twelid tal-Bambin tabilħaqq. Wara l-quddiesa saret il-purċissjoni, bil-Patrijarka li fi ħdanu kellu l-Bambin ta' fuq l-artal. Mill-knisja ta' Santa Katerina, il-purċissjoni daret għall-kurituri tal-kunvent, għall-Bażilika ta' Santa Liena, u minn hemm għal ġewwa l-Għar Imqaddes, bil-għana dejjem ta' l-innu: 'Jesu Redemptor Omnium', biċċa kull wieħed, il-Franġiskani u t-tfal. Fil-purċissjoni kien hemm l-Ambaxxaturi kollha, li niżlu fil-Għar mal-Patrijarka. Ġewwa l-Għar, id-Djaknu ħa l-Bambin minn ħdan il-Patrijarka, u meddu fuq il-kewkba tal-fidda li hemm taħt l-artal u kanta l-Evanġelju ta' San Luqa u kulħadd bies l-art malkelmiet tiegħu: "Hic Christus natus est pro nobis" (li jfissru: Hawn Kristu twieled għalina). Minn għajnejn kulħadd qabeż id-dmugħ għax tassew il-qalb tingħafas meta tiftakar li l-Iben t'Alla niżel mis-sebħ tas-sema biex jitwieled bħala bniedem ġewwa dak il-għar fqir u mudlam u kollu ndewwa, għal ebda għan ieħor ħlief is-saħħa tagħna. U hekk intemmet dik l-isbaħ funzjoni li qatt rajt f'ħajti.

Hekk isir Għid il-Milied ġewwa Betlehem. Ferħ u għaxqa ġewwa u barra mill-knisja. Fil-misraħ tal-knisja tara minn kull xorta ta' nies u tisma' taħdit b'kull xorta ta' ilsna, sewwa tax-Xerq kemm ukoll tal-Għarb. Irħieb u raħbiet ta' kull lewn u ta' kull għamla. Għonja Ewropej b'ilbies fuqhom mill-ifjen, imħallta mal-Għarab tal-Bedu, li telgħu Betlehem mix-xorti u mill-widien fejn kienu jirgħu, biex jaraw il-"ħafla". Min jixtri, min jiftiehem, min miexi u min wieqaf jitħaddet mal-ħbieb. X'ġara? Għalfejn dil-ġeġwiġija kollha? Għalfejn dan il-ferħ kollu ġewwa dan ir-raħal fqir?... Għax hawn twieled Kristu għalina, bħalma għanna d-Djaknu dal-lejl: "Hic natus est Christus pro nobis!"

P. Gwidu Schembri, O.F.M.


IT-TEMPJU TA' ĠERUSALEM

Wieħed mill-aktar imkejjen imqaddsa li hemm Ġerusalem, huwa l-wata fejn kien it-**Tempju** tal-Lhud, jew Ħakel, kif kienu jgħidulu huma. Huwa mkien l-aktar imqaddes, għax ġewwa fih saru l-aħħar u l-eħrex taqbidiet bejn Ġesù u l-kbarat tal-Lhud. Hemm ġew il-knisja Lhudija ċaħdet il-Messija li kien imwieġed lilha minn Alla u li kienet ilha titlobulu mijiet ta' snin. Hemm sar il-qada, jew deċiżjoni tal-aħħar, bejn Alla u l-poplu tiegħu.

Inħarsu ħarsa ħafifa fuq il-Ħakel, jew Tempju, kif kien fi żmien Kristu, biex min jaqra jkollu ħjiel tajjeb ta' kif kien. Għax hawn ħafna nies li jaħsbu li t-Tempju ta' Ġerusalem kien xi knisja, bħal knejjes ta' Malta. Ħaġa li ma hi minnha xejn. Nistħajjluna li mmorru nżuruh, mela, u ninżlu għan-naħa tiegħu minn fuq Ġebel iż-Żejtun, jiġifieri minn fuq dik il-għolja li hawn Malta aktarx isemmuha l-Muntanja taż-Żebbuġ.

Minn fuq Ġebel iż-Żejtun, dak iż-żmien, kont tinżel għal ġewwa l-Wied ta' Kedron b'taraġ maqtugħ fil-blat, li kien fih minn fuq s'isfel, tmien mitt (800) tarġa. Imbagħad taqsam il-wied u titla' b'taraġ ieħor, maqtugħ fil-blat ukoll, in-naħa l-oħra, li kien fih mitejn u ħamsin (250) tarġa. X'ħin titla' u tilwi lejn ix-xellug, kont tiġi bħal fuq setaħ, fuq qisu sur, li kien fih għadd ta' griebeġ, kollha f'daqqa donnhom raħal żgħir, li kienu jaqdu ta' ħwienet biex jixtru minnhom il-barranin li jiġu jżuru l-Ħakel. Kienu jbiegħu fihom ikel u xorb, żejt u nbid, nagħaġ u mogħoż, ħrief u gidien u kull ma jaħtieġ min ikun għamel xi wegħda. Dik il-ġemgħa griebeġ kienu jgħidulhom **ħunajot,** jiġifieri l-ħwienet.

Minn ħada l-ħwienet kont tidħol ġewwa l-Ħakel jew **Tempju** minn bieb kbir, miżweġ, donnu l-bieb tal-Bombi t'hawn Malta; u kif tgħaddi minnu tara quddiemek taraġ. Titla' t-taraġ,



Kif kien it-Tempju ta' Ġerusalem fi żmien Kristu.
Disinn maħdum mill-Inġinier-Arkeolgu De Vogue, li jingħad li hu l-aħjar wieħed li sar s'issa.

u ssib ruħek ġewwa **kuridur** twil, millemin għax-xellug, imsaqqaf, bil-ħnejjiet, rekbin fuq kolonni, miftuħ għannaħa ta' ġewwa. Kien fih bankijiet tal-ħaġar mat-tul kollu tal-ħajt.

Kif toħroġ minn taħt dawk il-ħnejjiet, tara quddiemek binja kbira, imdawra b'bitħa mill-erbat irjieħ. Ġewwa dil-bitħa kien jista' jidħol kull ħadd: nisa u rġiel; Lhud u m'humiex.

Imbagħad titla' erbatax-il tarġa u tgħaddi minn bieb kbir ieħor, u ssib ruħek ġewwa l-bitħa tan-nisa. Jgħidulha **tan-nisa,** m'hux għax kienu jistgħu jidħlu fiha n-nisa biss, imma għax sa ġewwa fiha biss kienu jistgħu jidħlu n-nisa Lhud, m'hux aktar 'il ġewwa. Kienet imdawra bi swali kbar u ġewwa fihom kienu jgħammru n-nisa romol, li jweġħdu ruħhom 'l Alla u l-bniet żgħar li kienu jrabbu, imweġħdin lill-Alla, sa kemm ikollhom tnax-il sena. Quddiem il-bieb il-kbir li għedna tidħol minnu, kien hemm taraġ magħmul nofs dawra, u malġnieb tiegħu kienu mdendlin il-kaxex, biex in-nies jixħtu fihom il-flus għal ħtiġiet tat-Tempju.

Titla' l-ħmistax-il tarġa tat-taraġ l-imdawwar u tgħaddi minn bieb sabih, b'xatba kbira tal-inħâs, jew **bronż,** u ssib ruħek f'bitħa oħra dejqa, li tilwi 'l ġewwa, fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Dik kienet il-bitħa mesmmija "Bitħa ta' Israel", li kienu jistgħu jidħlu fiha rġiel Lhud biss.

Mill-bitħa ta' kull ħadd għal bitħa tan-nisa, u minn hemm ukoll għal bitħa tar-rġiel, kien hemm sitt bibien. Ma' ġenb kull wieħed minn dawn il-bibien kien hemm kitba li tgħid li jekk xi ħadd li ma kienx Lhudi jidħol minn hemm 'il ġewwa, kien jista' jieħu l-mewt.

Mill-bitħa tar-rġiel kont titla' għal bitħa tal-qassisin, minn ħames tarġiet. Dil-bitħa kenet imrebbgħa, u kien fiha xi mitt pass, tul u wisa' minn kull ġenb. Fil-ġenb tan-naħa tax-Xerq (jew il-Vant) kien hemm il-midbaħ, jiġifieri l-artal, li fuqu kienu jaħarqu l-bhejjem, l-ingħâġ u l-ifrât, bi dbiha f'ġieħ Alla.

Quddiem il-midbaħ kien hemm żewġ swali kbar, jinfdu l-waħda mal-oħra, mifrudin bi star. Fis-sala tal-ewwel kien hemm il-**menôra,** jew kandlier tas-seba' msiebaħ u l-mejda tal-ħobż u l-kenun tat-tibħîr. Dal-kenun kellu n-nar dejjem jixgħel fuqu, u l-qassis tal-ġimgħa (jiġifieri dak li kien imissu jagħmel dax-xogħol, ma' tul ġimgħa) kien jixħet fuq in-nar tal-kenûn il-bhur darbtejn kull jum. Is-sala l-oħra kienet battâla u mudlâma. Il-Lhud kienu jgħidu, u jaħsbu, li kienet tgħammar fiha r-Ruħ t'Alla, jew ix-Xekna (bil-Malti: s-Siekna, jiġifieri, dik li tiskenn) u kien jidħol f'dik is-sala l-qassis il-kbir Lhudi, darba fis-sena biss, nhar Għid il-Maħfra. Il-qassis kien iqiegħed mabħra tad-deheb mixgħula, fuq ħaġra li kien hemm f'nofsha (fejn qabel ma ntilfet kienet qegħda l-Arka tal-Liġi), u jarġa' joħroġ mill-ġdid.

It-tul tat-Tempju kien ta' qrib il-ħames mija u għoxrin (520) qasba Ingliża jew **jarda,** u l-wisa' tiegħu ta' xi tliet mija u għoxrin (320). Ix-Xara' tal-Furjana, ta' Malta, fiha tul ta' qrib il-mitejn u tlieta u tletin (233) qasba Ingliża, u l-wisa' ta' xi sebgħa u sebgħin (77). Jiġifieri, t-tul tat-Tempju ta' Ġerusalem kien ftit aktar minn darbtejn it-tul tax-Xara' tal-Furjana, u l-wisa' tiegħu aktar mix-Xara' tal-Furjana fuq l-erba' darbiet.

Dan hu ħjiel ta' kif kien it-Tempju ta' Ġerusalem fi żmien Kristu. Imma barra minn dan li rajna kien fih ħafna rqaqat oħra li hawn għal qosor ma semmejniehomx.

Ximôn Bar-Josef.

QADDIS TAL-MISILMIN

Il-"qaddis" Mislem li sa nsemmu hawnhekk, kien jismu Ibrahim Ibn-Adam, u l-ġrajja ta' kif ġie fid-dinja hija ħelwa kemm tista' tkun. Missieru, Adam, kien raġel ta' raj tajjeb li għex ħajja fqira, safja u miġbura bla ma qatt fittex li jkun imfaħħar min-nies. Kellu biża' kbir fuq kollox mid-dnub taż-żina u minn kull xorta ta' serq.

Darba waħda kif kien jinħasel f'xatt ta' wied lemaħ nofs tuffieħa ġejja mal-ilma. Mingħajr ma qagħad jaħseb, ġabarha u kielha. Malli kielha nidem milli għamel, u baqa' sejjer ħalli jara minn fejn kien ġej l-ilma biex jagħraf sid it-tuffieħa min kien. Sab li l-ilma kien għaddej minn ġewwa l-ġnien tas-sultan. Għal hekk mar Dejr is-sultan u ried jidħol quddiemu biex jitolbu jaħfirlu talli kiel nofs tuffieħa li kienet tal-ġnien tiegħu. B'xorti ħażina is-sultan ma kienx hemm; qalulu li kien mar belt oħra li biex jasal fiha kellu jimxi għaxart ijiem.

Adam mar dik il-belt u talab li jkellem lis-sultan. Daħħluh quddiemu u baxxa sal-art u stqarr il-ħtija tiegħu u talbu jafirlu. Is-sultan wegħdu li jaħfirlu imma bħala tewba kellu jiżżewweġ lil bintu li kienet trid tieħu b'żewġha lil aktar raġel tajjeb li kien hemm f'dik l-art. Adam għall-ewwel ma riedx u qal lis-sultan li dik it-tewba kienet kbira wisq għad-dnub tiegħu; ikel ta' nofs tuffieħa. Imma fl-aħħar billi baża' li Alla ma jaħfirlux, issabbar u qallu iwa.

It-tieġ ta' Adam ma' bint is-sultan sar wara ftit jiem u sar bil-kbir, kif kien xieraq, u ħadru fih kotra ta' nies ħbieb u qraba tas-sultan u kbarat tal-artijiet tal-idwar. Wara l-għors, fil-għaxija, meta Adam daħal fil-kamra tar-rqad, sab lill-għarusa tittennieh, mimduda fuq mitraħ tar-rix, mgħottija bi star talħarir irqiq donnu għanqbuta, imżejna u tlellex bid-djamanti u l-ġawhar. Il-għarus, bla ma ħares lejha, baxxa rasu quddiemha u mar xteħet għar-rkubtejh fuq tapit f'rokna tal-kamra u għadda l-lejl fit-talb u t-tislija.

Għamel dan għal sebat iljieli wara xulxin u fl-aħħar il-għarusa qalet lil missierha. Is-sultan għajjatlu u qallu: "Ara: jien ma żewwiġtikx lil binti biex toqgħod isselli u titlob fir-rokna tal-kamra. Jew tiżżewwiġha bħal ma jiżżewġu n-nies, inkella ma naħfirlekx innofs tuffieħa!"

Għal hekk, bil-biża' li d-dnub tannofs tuffieħa jibqa' fuqu, Adam kellu jisma' mis-sultan. Imma malli sama' minnu, qabeż minn fuq il-friex u mar jiġri jinħasel biex iselli. Malli nħasel u rifes it-tapit tat-tislija, għolla jdejh it-tnejn lejn is-sema, għajjat għajta: "Allaħ! Allaħ!" u waqa' mejjet fl-art.

Wara disa' xhur bint is-sultan kellha tifel li semmewh Ibrahim. It-tifel trabba fost il-kbarat ta' Dejr is-sultan li għallmuh kull ħaġa li Emir bħalu kellu jitgħallem. Kien iħobb l-aktar ix-xalar u l-logħob u jirkeb iż-żiemel u joħroġ jistad, bil-qaws, it-tjur u l-bhejjem.

Lejla waħda, meta kellu xi sittaxer sena, Ibrahim, kif kien rieqed, ħass xi ħaġa taħraq tmissu f'wiċċu. Qam b' qatgħa u lemaħ quddiemu raġel xiħ, bil-leħja bajda, imdawwar bin-nar. "B'Ism Allaħ," għajjat Ibrahim, "għidli min int!"

Ix-xiħ wieġbu: "Jiena l-Ħadar. Jiena Elija, li tlajt is-sema ġewwa ħuġġieġa nar. Ġejt ngħarrfek, ja Ibrahim, li wasal iż-żmien li tistenbaħ min-ngħas tiegħek!"

Ibrahim reġa' raqad u l-għada ħaseb li dik id-dehra kienet ħolma. Għal hekk bla ma ħabbel rasu xedd id-debba u ħareġ il-klieb u qabad il-qaws u n-nixxieb u telaq lejn il-masġar. Il-klieb

lemħu għażżiela u hu saq għal waraj-maħ lix-xiħ tal-ħolma. Ix-xiħ qallu ha. Imma l-għażżiela waqfet fuq blata għolja, ħarset lejn Ibrahim u qaltlu: "Jaqaw għal dan qiegħed fid-dinja, biex toqtol lilna l-bhejjem?" U ma dalkliem ma żiedx raha.

Imma Ibrahim ma riedx irodd, daqs kemm kien marbut max-xalar tiegħu. Il-klieb xammew fenek, telaq għal warajh. Il-fenek waqaflu fuq saqajh ta' wara u qallu: "Jaqaw għal dan Alla ħalqek, biex taqbad il-fniek?" U dan ukoll għab.

Fl-arja kien hemm qatgħa għawrab tissiefaħ. Niżlet kollha fuqu u l-għawrab bdew jgħidulu: "Le... le... Alla ma ħalqekx biex tixxala imma biex taqdi lilu!"

Imbagħad bla ma jaf kif, sab ruħu mdawwar b'qatiegħ fniek u għażżieliet. "Ibrahim," bdew jgħidulu, "bdiel ma toqtol lilna għax ma toqtolx lilek innifsek? Isa, fittex qum min-ngħas tiegħeek, qabel ma tqajjmek il-mewt!"

Għal dan Ibrahim twerwer. Rema minn idejh il-qaws u n-nixxieb u saq iddebba, tieħdu fejn tieħdu. Lemaħ raħħal, tah id-debba u l-ħwejjeġ ta' fuqu minn bdielhom u talbu l-farwa (libsa tal-ġild tal-ħrief, bis-suf b'kollox). Dak tahielu u Ibrahim libisha u baqa' sejjer. Kif kien miexi daħħal idu fil-but tal-qmis u sab fih erbat igrux (għaxar soldi ta' Malta) u qabadhom u rmiehom, biex minn dak inhar il-quddiem jerħi ruħu fil-ħniena t'Alla.

Lemaħ fit-triq raġel xiħ ta' kruha kbira, u qallu: "Kemm int tas-sew iblaħ, Ibrahim, titlaq minn dar missierek, dar ta' sultan, biex tisfa fqir, bil-ġugħ, bil-għatx, għajjien u minsi?" Ibrahim għaraf li dak kien ix-xitan għal hekk wieġbu: "Fqir, u bil-ġugħ u bil-għatx jien tas-sew, imma minn qalbi. Minsi m'iniex, għax għandi jaħseb fija 'l Alla!" U besaq f'wiċċ ix-xitan li ħarab u ma deherx aktar. Mexa ftit ieħor u lebiex isalli. Malli salla, lemaħ ma ġenbu bieqja bl-ikel u żir bl-ilma.

Wasal fejn baħar u talab lil raġel li kellu dgħajsa biex jieħdu n-naħa l-oħra. Qallu li jgħaddiħ lil hemm bi ħniena, għax flus ma kellux. Meta wasslu nnaħa l-oħra tad-dgħajsa ried jitħallas u qallu "Jekk ma għandekx flus ara x' sa tagħtini, għax irrid xi ħaġa!" Għal hekk Ibrahim qabad ċagħka minn ġenb il-baħar li saret biċċa deheb u taha lil tad-dgħajsa.

Darba oħra kien bil-għatx u resaq fuq bir fejn kien hemm satal u mela. Meta talla' s-satal mill-bir sabu mimli bil-fidda. Raġa' xeħtu fil-bir u raġa' mela. Is-satal tala' mimli bid-deheb. Xeħtu fil-bir u raġa' mela u s-satal tala' mimli bil-ġawhar. Għal hekk Ibrahim rafa' għajnejh lejn is-sema u qal: "Ja Alla, jiena naf li int għandek minn kull xorta ta' ġid. Imma jien ma rridx fidda, deheb u ġawhar. Irrid ftit ilma biex nixrob u nibqa' sejjer!" Imbagħad raġa' niżżel is-satal fil-bir li diddarba tala' mimli bl-ilma.

Ibrahim kien jgħid lin-nies: "Min ifittex il-għana, isib il-faqar, u min ifittex il-faqar isib il-għana". Kien jgħid ukoll li qatt f'għomru ma ħass ruħu ħieni aktar minn darba li wieħed iblaħ qabad jiddieħek bih u jiġbidlu xagħru u l-leħja. Kien jaħdem xi ħaġa biex jgħix hu u biex ikollu biex jgħin lil xi fqir ieħor bħalu. Kien imur jagħżaq ir-raba, jiżbor id-dwieli, jaħsad iż-żara' u jagħmel il-għassa f'xi ġnien. Ġie li kien imur jitlob, biex kif kien jgħid hu, iġiegħel lil għonja jisseddqu quddiem Alla. Darba waħda, sid il-ġnien fejn kien jaħdem, qallu jġiblu bixkilla rummien. Meta ġieblu, is-sid sabhom qarsin u qallu: "Ilek daż-żmien kollu taħdem fil-ġnien tiegħi u għadek ma tafx liema hu r-rummien ilħelu u liema hu r-rummien il-qares?"

wieġeb Ibrahim, "Inti daħħaltni m. għek biex naħdem, m'hux biex ind.. il-frott tas-siġar." Kien jiekol dejjem ħobs niexef imxarrab fl-ilma u kien niexef daqs għuda. Kien jgħid lil ħbieb biex jiċċajta: "Nifraħ lid-deffiena, għax ma nkunx tqil meta jġorruni; imma nagħli għad-dud, għax ma jixbax meta jekolni!"

Kien jilbes il-farwa bis-suf in-naħa ta' ġewwa, fuq il-laħam, u kien jimxi dejjem ħafi. Talbuh jiktbilhom xi ħaġa fuq id-djiena; qallhom li ma kellux moħħ, għax dejjem ħsiebu fil-mewt u f'li ġej warajha. Lil wieħed ħabib tiegħu darba qallu: "Jekk trid issir raġel tajjeb, tixtieq xej, la minn did-dinja anqas mill-oħra. Insa lilek in-nifsek, u Alla jimliek bil-ħniena tiegħu".

Kien jgħaddi ljieli sħaħ jgħid il-litanija tal-Mislmin li jgħidulha t-Twerdin (għax fiha dejjem kliem wieħed: La Ilaħa illa Allaħ... li Ilaħa illa Allaħ... la Ilaħa illa Allaħ...), u ma jorqod xejn ħlief jonħos ftit bil-qegħda. Billi fid-Din tal-Misilmin Alla għandu mitt isem, u n-nies jafu minnhom disa' u disgħin biss, darba deherlu Elija u l-isem tal-aħħar għallimulu. Qallu: "Kull ma tkun teħtieġ, sejjaħ dan l-isem u ssibu. Imma ara qatt issejjaħ dan l-isem biex tgħakkes jew toqtol lil xi għadu tiegħek, għax jekk tagħmel dan, tmut inti minnu fih. Alla jinsab wisq eqreb lejn il-bniedem milli jaħsbu n-nies tad-dinja. Dan l-isem iġiegħel li min jgħidu isir jista' kollox".

Darba staqsewh: "Ibrahim, għax ma żżewwiġtx?" Weġibhom: "Liema mara sa tieħu raġel miġwieġħ u maħmuġ bħali? Saħansitra jien, li kont nista' ninfired minni n-nifsi."

Il-mewt ta' Ibrahim ħadd ma jaf kif ġrat. Jingħad li meta kien qiegħed imut, għeb minn quddiem in-nies li kien hemm ma' dwaru. Anqas il-qabar tiegħu ma jafu fejn hu. Min jgħid li hu midfun f'Damask u min jgħid li f'Bagdad. Dak li hu magħruf huwa biss li Ibrahim miet barra minn art twelidu, fis-sena 161 (sena nisranija 776) meta l-Misilmin kienu sejrin jitqabdu mal-Griegi.

P. Ubertinu Berti, O.F.M.

Il-Misilmin tal-antik, bħall-Insara, meta jmut xi raġel tajjeb, kienu jħobbu jżejjnulu ħajtu b'ħafna għeġubijiet. Għal hekk ta' min jemmen li kien hemm Mislem tajjeb jismu Ibrahim, imma d-dehriet u l-għeġejjeb huma kollha qlajja'. Misilmin nies tajba kien hemm minn dejjem u għad hemm ħafna l-lum ukoll. (N. tal-E.)

IL-ĠUBLEW TAL-FIDDA

Is-sbatax ta' Awissu li għadda kien jum ta' Festa kbira għall-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Minuri. Mit-tminja ta' filgħodu ma kontx tara fi Triq San Pawl ħlief qtajja qtajja ta' Patrijiet deħlin ferrieħa fil-Kunvent tagħhom tal-Belt. Għaliex dak in-nhar, il-Provinċjal tagħhom, il-W.R.P. Alfons M. Camilleri kien sejjer ifakkar għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-Ewwel Quddiesa Tiegħu. U l-Provinċja kollha ngħabret sabiex, kuruna ma' dwaru, tifraħ miegħu u tiżżi ħajr lil Alla.

Fil-Knisja maħnuqa bin-nies, barra minn rappreżentanza kbira tad-diversi Sorijiet Franġiskani, u Sorijiet oħra kien hemm ukoll preżenti l-Wisq Rev.di Patrijiet Provinċjali ta' l-Ordnijiet Reliġjużi l-oħra u xi membri



IL-W. REV. P. ALFONS ĠAMILLERI, O.F.M.,
Provinċjal tal-Patrijiet ta' Ġieżu.

prominenti tal-Kleru Sekulari.

Il-Provinċjal kien assistit fil-Quddiesa minn żewġ patrijiet li miegħu ġew ordnati saċerdoti ħamsa u għoxrin sena ilu: ir-Rev. Patri Definitur Tarcisio Xerri u r-Rev. Patri Vigarju Ġużeppe Scalpello. L-Iskola Kantorum tal-Patrijiet Minuri esegwiet b'perfezzjoni l-Quddiesa "Te Deum Laudamus" ta' Perosi taħt it-tmexxija ta' Patri Ġwakkin Grech li qed jistudja b'suċċess il-mużika sagra ġewwa Ruma.

Wara l-Vanġelu, ġie minsuġ diskors sabiħ ta' l-okkażjoni mill-Kustodju tal-Provinċja, ir-Rev. Patri Lett. Accursio Xerri, li għalqu billi qara l-Barka Apostolika mibgħuta mill-Papa u messaġġi oħra ta' ferħ mibgħutin mill-Ġeneral ta' l-Ordni u mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex. Għamluha ta' Parrinijiet, il-Kav. Ġuże' D'Amato, P.E.P., u l-Kav. Antonio Theuma, żewġ benefatturi kbar tal-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Minuri.

Kif spiċċat il-Quddiesa u tkanta Te Deum solenni ta' ringrazzjament, il-W.R.P. Provinċjal, b'fakoltà speċjali konċessa għall-okkażjoni ta l-Barka Papali. Imbagħad dawk kollha preżenti ġew mistiedna għall-riċeviment fil-Hall tal-Kunvent.

F'nofsinhar, il-Provinċja kollha tal-Patrijiet Minuri flimkien mal-Provinċjali ta' l-Ordnijet Reliġjużi l-oħra, mal-parrinijiet u mas-sindaċi Apostoliċi kienu mistiedna għall-mejda. L-Isqfijiet ukoll kienu mistiedna, imma minħabba mpenji oħra ma setgħux jattendu. Qabel il-mejda l-W.R.P. Kustodju f'isem il-Pronvinċja qara indirizz fejn fakkar il-benemerenzi tal-Provinċjal attwali u li wera kemm tassew kien xieraq li jsir dak il-festin familjari bħala tifkira ta' għeluq il-25 sena mill-Ewwel Quddiesa tiegħu u offrielu kalċi sabiħ ħafna bħala tifkira ta' dik l-okkażjoni għażiża. Ma' tul il-mejda Definituri, Gwardjani, Studenti, Novizzi, Fratelli Lajċi, u l-Provinċjal tad-Dumnikani f'isem il-Provinċjali l-oħra kkontribwew b'indirizzi u b'poeżiji biex juru l-ferħ u l-qima tagħhom lejn il-Provinċjal, Patri Alfons Camilleri. Il-Kummissjoni tat-Terra Santa, il-W.R.P. Nikola Magro, qara diskorsi sbieħ bil-latin, li fihom ġabar il-ħidma tal-Provinċjal.

U din il-qima tal-Patrijiet u tal-poplu tassew tistħoqqlu, għaliex Patri Fons fil-25 sena tas-saċerdozju tie-

għu dejjem fittex jaħdem għall-Provinċja maħbuba tiegħu u għall-erwieħ.

Patri Fons twieled fir-raħal tal-Għasri, Għawdex, fil-15 ta' April. 1910. Sa minn ċkunitu kellu ħajra għas-saċerdozju, għalhekk kont tarah bħala abbati dejjem minn ta' l-ewwel jieħu sehem fil-funzjonijiet tal-Knisja li kienet għadha kif saret Parroċċa. U ta' ħmistax il-sena nsibuh ġa fi ħdan il-Fqajjar t'Assisi. Spiċċa n-Novizjat u pprofissa sempliċi fit-3 ta' Mejju, 1926. Wara li għamel l-istudji tiegħu f'Malta u fit-Toscana, ġie ordnat saċerdot hawn Malta fil-15 ta' Awissu, 1933. Patri Fons sa mill-ewwel snin ta' żogħżitu ddistingwa ruħu fl-istudji u wera intelliġenza mhux komuni, għalhekk is-Superjuri wara l-Quddiesa bagħtuh jissokta l-istudji, l-ewwel fl-Università Antonianum, fejn ħa bl-unuri l-Liċenzjat fit-Teoloġija, imbagħad fil-Pontifiċju Istitut Bibliku fejn ħa l-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa. Kemm dam Ruma għamel kors fil-Paleografija u Diplomatika, kors li swielu ħafna meta ġie magħżul mis-Superjuri ta' l-Ordni membru tal-Kommissjoni Internazzjonali għall-Edizjoni Kritika ta' l-Opri tal-Ven. Duns Scoto. Ix-xogħol li wettaq f'din il-Kummissjoni xjentifika ġie apprezzat u mfaħħar ħafna mill-magħruf president tagħha Patri Carlu Balic. Imma Patri Fons kien meħtieġ fil-Provinċja bħala Lettur tal-Iskrittura u ta' l-Ilsna Orjentali. Għalhekk kellu jħalli dik il-Kummissjoni ta' fama mondjali u jiġi Malta biex jgħallem lill-istudenti franġiskani. Id-dehen u l-għerf tiegħu malajr ġibdu fuqu il-ħarsa tas-Superjuri ta' l-Ordni u tal-Isqfijiet.

Wara li għamel żmien Segretarju tal-Provinċja u Definitur, insibuh fiż-żmenijiet diffiċli ta' kif spiċċat il-gwerra maħtur Vigarju Provinċjali. Imbagħad mill-ġdid Kustodju, Surmast tal-Kjerċi, Definitur u fl-aħħar Kapitlu, Ministru Pronvinċjali.

Bħala Provinċjal għamel minn kollox biex iżomm 'l fuq il-prestiġju tal-Provinċja maħbuba tiegħu billi jħares b'kull sagrifiċċju l-jeddijiet u l-ġieħ tagħha. Fost il-ħafna inizjativi li ħa mhux ta' min iħalli barra ċ-Ċentru Kattoliku għall-Maltin f'Londra, opra li ma ħallihiex ġebla mhix imqallba biex jaraha mitmuma.

L-Arċisqof ta' Malta għażlu bħala eżaminatur Pro-Sinodali, Ċensur Teologu, u Konfessur Ordinarju u Straordinarju tas-Sorijiet. L-Isqof ta' Għawdex kemm il-darba sejjaħlu bħala eżaminatur fis-Seminarju. Patri Fons huwa wkoll eżaminatur u Membru tal-Kunsill Akkademiku ta' l-Università Rjali.

Iżda l-ħidma tiegħu saċerdotali li għaliha huwa magħruf l-aktar fost il-poplu hija dik ta' konfessur. Għal sigħat u ġranet sħaħ lil Patri Fons issibu fil-Konfessjonarju u jissagrifika vaganzi u kollox biex ma jiddisappuntax lill-penitenti tiegħu.

Quddiem din il-ħidma kollha fittmexxija tal-Provinċja, fil-qasam ta' l-istudji u ta' l-apostolat, ma setgħax jonqos li naraw f'din id-data okkażjoni ta' għeluq il-25 sena mill-Ewwel Quddiesa tiegħu mfissra fil-berah il-qima ta' uliedu u ta' ħutu l-Patrijiet Minuri flimkien ma' dik tal-kotra ta' erwieħ li bbenefikaw bis-sħiħ miz-zelu tiegħu saċerdotali.

Id-Direzzjoni tal-Perjodiku "L-Art Imqaddsa" ħassitha fid-dmir li ma thallihiex għaddejja, mingħajr ma tiġi mfakkra, din id-data sabiħa fil-ħajja tal-maħbub Provinċjal Patri Alfons M. Camilleri, li dejjem ħeġġeġ lill-uliedu biex jikkooperaw mal-Kummissarju tat-Terra Santa ħalli jxandru ma' kull-limkien il-kobor ta' l-Opra tal-Qabar

ta' Kristu, li hija magħduda bħala l-ġawhra tal-Missjonijiet Franġiskani. U waqt li miegħu tiżżi ħajr lil Alla li silfu tant żmien ta' ħidma għall-ġid tal-Provinċja u ta' l-erwieħ, tixtieqlu: **Ad multos annos.**

FRATER MINOR.

AĦBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

Taħfir qrib il-Baħar Mejjet — Il-wisq magħruf Arkeologu Dumnikan Patri De Vaux mexxa x-xogħol tat-taħfir li sar dal-aħħar fuq xatt il-Baħar Mejjet qrib għadira żgħira ta' ilma ħelu msemmija Għajn Fiesha. Hemm insabet ħerba ta' bini ta' żmien wieħed mad-dejr ta' l-Essenin li kienu jgħammru f'Qumran. Jidher li qrib dik l-għadira kellhom is-sigħar imħawlin u kienu jiżirgħu l-ful u l-hommos, u ħekk ngħaraf kif kienu jiksbu xi ħaġa biex jgħixu f'dak il-barr.

Hazor u Megiddo — Fit-taħfir li sar fil-ħerba tal-belt qadima ta' Hazor, fil-Galilija ta' Fuq, ingħaraf ix-xebh kbir li hemm bejn din il-belt u l-belt l-oħra ta' Megiddo u ħekk issaħħet il-kitba tal-Bibbja li tgħid li t-tnejn kienu mibnija mnn Salamun. Il-bwieb tal-belt il-waħda u l-oħra huma bħal xulxin sew u jidher li huma xogħol ta' bennej wieħed.

It-tiswija tal-Qabar ta' Kristu — Il-taħaq ftehim sħiħ fuq it-tiswija li għandha ssir fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Il-ftehim sar bejn it-tliet Riti l-kbar, Latini (Franġiskani) Griegi u Armeni u kien maħtum jew **iffirmat** mit-tlet Patrijarki. Hemm tama li x-xogħol tat-tiswija jinbeda ma jdumx.

Żajrat lill-Art Imqaddsa — In-nies li qegħdin imorru jżuru l-Imkejjen Imqaddsa ma jtqtgħu xejn. Fost ir-Rjus kbar li marru jżuru 'l Ġerusalem dal-aħħar ta' min isemmi Rev.mu P. Anastasio del Rosario, Superjur Ġenerali tal-Karmelitani u lil lir-Rev.mu Patri Vittorio Costantini Ministru Ġenerali tal-Minuri Konventwali.

Il-paraliżi — Il-Ħakma tal-Ġordanja (il-biċċa Għarbija tal-Palestina) qalghet tletin elf (30,000) doża tat-tolqim tas-"Salk" minn għand l-Amerka. Qegħdin ilaqqmu bih lit-tfal kollha ta' dawk il-bliet li fihom dehret il-marda, jiġifieri Ġerusalem, Għamman, Nablus, Irbid u Hebron.

Iċ-Ċirkonċizjoni tat-tfal Insara — Fost il-għadd kbir ta' Lhud li daħlu Israel mill-Ungerija u l-Polonja, kien hemm ħafna li kellhom il-mara Nisranija u għal hekk uliedhom ukoll Insara. Għalhekk it-tobba sabu li kien hemm ma' dwar it-tliet elef tifel li ma kellhomx ċirkonċiżjoni. Meta għarfu dan il-Lhud imħeġġa żżejjed talbu lil Gvern li jew jagħmilhielhom, inkella jibgħathom 'il barra. Billi l-akbar għadd tagħhom huma Kattolki, il-Patrijarka Latin, P. Gori, qabeż għalihom. Il-Gvern qallu joqgħod moħħu mistrieħ, għax jiktbu x'jiktbu l-gazzetti, lill-Insara ma kienx sa jindaħlilhom.

Pulitka Lhudija — Lil dawk il-Lhud li kellhom il-mara Nisranija u wliedhom Insara, il-Gvern Lhudi bagħathom joqogħdu fi rħula fejn hemm Lhud biss u ma jinsabux knejjes Insara. Dan għamlu bil-għan li dawn l-Insara bil-ftit-il-ftit jibirdu u weħedhom jaqilbu Lhud mngħajr ma l-Gvern ikun indaħlilhom.

Malta — Għaqda Maltija tal-Bibbja (Malta Bible Society). Dan il-Qari jħabbar b'terħ kbir it-Twelid, jiġifieri l-ewwel laqgħa tal-Għaqda Maltija tal-Bibbja, li saret l-Università nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru, mid-9.30 sal-11.30 ta' filgħodu. L-Art Imqaddsa u l-Bibbja stħajjilhom il-bieqja u l-għasel ta' ġewwa fiha, għalhekk imorru flimkien, għax il-ġrajjiet li ssemmi l-Bibbja ġraw ġewwa l-Art Imqaddsa. Il-Għaqda kellha bidu ta' saħħa.

Fil-Kumitat jinsabu l-aqwa nies ta' Malta għat-Tagħlim tal-Bibbja; Prof. P. P. Saydon u Prof. Serafin M. Zarb, O.P., Dun Karm Sant, Patri Gwidu Schmebri, Dun Ġwakkin Schembri, u oħrajn li ma nafux ismhom.

Il-Għaqda magħmula għal kbar biss, irġiel u nisa, u biex tinkiteb fiha ma hux meħtieġ li tkun taf wisq skola. Biżżejjed li jkollok widnejn biex tisma u moħħ biex tifhem. Għalhekk inħajru lil qarrejja tagħna li jinkitbu fiha biex jitgħallmu aktar il-ġrajjiet tal-Art Imqaddsa. Għandhom jiktbu isimhom u fejn joqogħdu lil Dun Karm Sant, 8, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien.

---

†

REQUIESCANT IN PACE

Nixtiequ li l-imsieħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li miegħom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.

DINGLI: Giuseppe Farrugia, Luigi Farrugia, Grazzja Ebejer, Ġovanni Tanti, Marjanna Tanti, Antonio Tanti, Pawla Abela, Pawlu Ebejer, Pawlu Farruġia, Grazzja Farrugia, Vittorio Abela, Agata Abela, Rosaria Abela, Rita Abela, Anni Debattista, Anna Sant, Ġovanni Sant, Carmela Sant, Carmelo Tanti, Ġovanna Tanti, Michele Abela, Marianna Abela, Nazzareno Abela.

ŻEJTUN: Carmelo Mangion, Felicja Mangion, Agnello Desira, Carmela Desira, Agnello Camilleri, Caterina Mercieca, Richard Birmingham, Amelia Debono, Giuseppa Grech, Anna Grech, Giuseppe Fenech, Anna Fenech, Concetta De Gabriele, Vincenza De Gabriele, Giuseppe Baldacchino, Ġulino Baldacchino, Michelina Camilleri, Antonio Pace, Antonio Cardona, Concetta Pace, Giovanni Pace, John Sinagra, Carmelo Sinagra, Consilia Borg, Giuseppe Borg, Giuseppa Camilleri, Benigna Camilleri, Vincenzo Abela, Michele Spiteri, Lorenza Spiteri, Marianna Zahra, Giuseppe Zahra, Maddalena Zahra, Francesco Deleja, Dun Salv Deleja, Giuseppe Magro, Angela Magro, John Magro, Antonio Magro, Carmelo Mercieca, Carmela Abela, Carmelo Abela, Lorenzo De Gabriele, Marianna Carabott, Carmelo Carabott, Giovanna Carabott, John Maria Caruana, Michelina Caruana, Grezzju Attard, Maria Attard, Rrance Aquilina, Helen Guzman, Caterina Cardona, Nazzareno Desira, Teresa Caruana ,Carmelo Mercieca, Gio Maria Seychell, Carmela Mercieca, Teresa Attard, Giuseppe Attard, Alfonso Abela, Pawlu Attard, Pawlu Galea, Flora Galea, Emmanuele Xuereb, Marianna Xuereb, Maria Giovanna Xuereb, Pawlu Xuereb Carmelo Demicoli, Teresa Demicoli, Carmela Demicoli, Napoleone Caruana Dingli, Margherita Caruana Dingli, Giuseppe Caruana Dingli, Nicola Caruana Dingli, Mary Caruana Dingli, Violetta Caruana Dingli, Spiridiona Debono, Lorenzo Debono, Grazzja Carabott,

Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.